Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża

2025/2143(INI)

12.11.2025

EMENDI
1 - 275

Abbozz ta' rapport
Tobias Cremer
(PE778.252v01-00)

L-indirizzar tal-ostakli għas-suq uniku għad-difiża
(2025/2143(INI))

Emenda 1Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),	– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ***b'mod partikolari l-Artikolu 346 tiegħu***,

Or. en

Emenda 2
Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikoli 4(2) u 24(2) tiegħu,

Or. en

Emenda 3
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE, rigward l-akkwist pubbliku fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà, u tad-Direttiva 2009/43/KE, rigward it-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża (2019/2204(INI)),

Or. en

Emenda 4
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar id-difiża Ewropea, b'mod partikolari dawk tas-26 ta' Ġunju 2025, tal-20 ta' Marzu 2025 ***u*** tas-6 ta' Marzu 2025,	– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar id-difiża Ewropea, b'mod partikolari dawk tas-26 ta' Ġunju 2025, tal-20 ta' Marzu 2025**,** tas-6 ta' Marzu 2025 ***u tat-23 ta' Ottubru 2025***,

Or. en

Emenda 5
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali dwar l-aspetti istituzzjonali tar-Rapport dwar il-futur tal-Kompetittività Ewropea (ir-Rapport Draghi) (2025/2013(INI)),

Or. en

Emenda 6
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' April 2025 dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni - rapport annwali 2024 (2024/2080(INI)),

Or. en

Emenda 7
Nicolás Pascual de la Parte, Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ***minħabba ż-żieda fit-theddid*** ġeopolitiku, b'mod partikolari ***minħabba l-aggressjoni*** tar-Russja ***fl-Ewropa u l-kriżi*** fil-Lvant Nofsani, 90 % taċ-ċittadini tal-UE bir-raġun jistennew kooperazzjoni akbar tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u tad-difiża biex tipproteġihom u tiddefendi l-interessi u l-valuri tagħha fix-xena globali[8];	A. billi ***fid-dawl tat-theddid*** ġeopolitiku ***dejjem jiżdied***, b'mod partikolari ***l-gwerra tal-aggressjoni li għaddejja*** tar-Russja ***kontra l-Ukrajna, l-attakki ibridi u ċibernetiċi, il-kampanji massivi ta' diżinformazzjoni, it-terroriżmu u l-instabbiltà*** fil-Lvant Nofsani ***u fl-Afrika***, 90 % taċ-ċittadini tal-UE bir-raġun jistennew kooperazzjoni akbar tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u tad-difiża ***fil-qafas tan-NATO u f'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab trans-Atlantiċi u s-sħab tal-istess fehma,*** biex tipproteġihom u tiddefendi l-interessi u l-valuri tagħha fix-xena globali[8];
[8] Ewrobarometru, https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3572.	[8] Ewrobarometru, https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3572.

Or. en

Emenda 8
Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi minħabba ż-żieda fit-theddid ġeopolitiku, b'mod partikolari minħabba l-aggressjoni ***tar-Russja*** fl-Ewropa ***u l-kriżi*** fil-Lvant Nofsani, 90 % taċ-ċittadini tal-UE bir-raġun jistennew kooperazzjoni akbar tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u tad-difiża biex tipproteġihom u tiddefendi l-interessi u l-valuri tagħha fix-xena globali[8];	A. billi minħabba ż-żieda fit-theddid ġeopolitiku, b'mod partikolari minħabba ***l-invażjoni fuq skala shiħa tal-Ukrajna mir-Russja fl-2022 u*** l-aggressjoni ***kontinwa tagħha*** fl-Ewropa***, inkluża l-vjolazzjoni tal-ispazju tal-ajru ta' għadd kbir ta' Stati Membri kif ukoll il-kriżi*** fil-Lvant Nofsani, 90 % taċ-ċittadini tal-UE bir-raġun jistennew kooperazzjoni akbar tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u tad-difiża biex tipproteġihom u tiddefendi l-interessi u l-valuri tagħha fix-xena globali[8];
[8] Ewrobarometru, https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3572.	[8] Ewrobarometru, https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3572.

Or. en

Emenda 9
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi minħabba ż-żieda fit-theddid ġeopolitiku, b'mod partikolari minħabba l-aggressjoni ***tar-Russja*** fl-Ewropa ***u l-kriżi*** fil-Lvant Nofsani, 90 % taċ-ċittadini tal-UE bir-raġun jistennew kooperazzjoni akbar tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u tad-difiża biex tipproteġihom u tiddefendi l-interessi u l-valuri tagħha fix-xena globali[8];	A. billi minħabba ż-żieda fit-theddid ġeopolitiku, b'mod partikolari minħabba ***l-invażjoni fuq skala shiħa tal-Ukrajna mir-Russja u*** l-aggressjoni ***kontinwa tagħha*** fl-Ewropa***, kif ukoll il-kriżi*** fil-Lvant Nofsani, 90 % taċ-ċittadini tal-UE bir-raġun jistennew kooperazzjoni akbar tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u tad-difiża biex tipproteġihom u tiddefendi l-interessi u l-valuri tagħha fix-xena globali[8];
[8] Ewrobarometru, https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3572.	[8] Ewrobarometru, https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3572.

Or. en

Emenda 10
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi, mill-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa fl-2022, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ffaċċjaw għadd kbir ta' azzjonijiet ostili mwettqa mir-Russja permezz ta' diversi tattiċi ta' gwerra ibrida; billi l-Federazzjoni Russa għadha theddida militari diretta u sinifikanti għall-Ewropa, kif muri dan l-aħħar mill-vjolazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru Ewropew; billi dan l-ambjent ta' sigurtà dejjem aktar instabbli fil-viċinat immedjat tal-Unjoni jitlob rispons koerenti u koordinat, b'mod partikolari biex jiġi żgurat il-movimenti bla xkiel ta' oġġetti u servizzi tad-difiża;

Or. en

Emenda 11
Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi għexieren ta' snin ta' akkwist fil-qasam tad-difiża ffukat fuq il-livell nazzjonali, il-frammentazzjoni industrijali, l-ostakli regolatorji, is-sottoinvestiment, ***l-objettivi diverġenti ta' politika barranija,*** in-nuqqas ta' ppjanar integrat tal-kapaċitajiet u d-domanda aggregata, kif ukoll il-kompetizzjoni fuq il-proprjetà intellettwali, ***impedew suq uniku integrat bis-sħiħ għad-difiża, u b'hekk iġġarrbu spejjeż żejda sinifikanti għall-kontribwenti***	B. billi għexieren ta' snin ta' akkwist fil-qasam tad-difiża ffukat fuq il-livell nazzjonali, il-frammentazzjoni industrijali, l-ostakli regolatorji, is-sottoinvestiment, in-nuqqas ta' ppjanar integrat tal-kapaċitajiet u d-domanda aggregata, kif ukoll il-kompetizzjoni fuq il-proprjetà intellettwali, ***irriżultaw prinċipalment minn perċezzjonijiet ta' theddid differenti fost l-Istati Membri; billi xi wħud żammew kooperazzjoni mill-qrib mal-Federazzjoni***

filwaqt li mminaw il-kapaċità tal-UE li tipproteġi s-sikurezza taċ-ċittadini tagħha;	***Russa minkejja twissijiet ripetuti minn Stati Membri oħra li kienu ilhom li għarrfu t-theddida dejjem akbar mill-imġiba aggressiva ta' Moska; billi għalhekk ir-rimedji għandhom jiffukaw fuq it-tisħiħ tal-interoperabbiltà, l-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista, u l-iffaċilitar ta' approċċi tal-akkwist aktar flessibbli u kollaborattivi, aktar milli fuq il-konsolidazzjoni tal-funzjonijiet tal-akkwist fil-livell tal-UE, sabiex jitrawmu kapaċitajiet tad-difiża aktar effiċjenti u reżiljenti madwar l-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 12
Nicolás Pascual de la Parte, Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi għexieren ta' snin ta' akkwist fil-qasam tad-difiża ffukat fuq il-livell nazzjonali, il-frammentazzjoni industrijali, l-ostakli regolatorji, is-sottoinvestiment, l-objettivi diverġenti ta' politika barranija, in-nuqqas ta' ppjanar integrat tal-kapaċitajiet u d-domanda aggregata, kif ukoll il-kompetizzjoni fuq il-proprjetà intellettwali, impedew suq uniku integrat bis-sħiħ għad-difiża, u b'hekk iġġarrbu spejjeż żejda sinifikanti għall-kontribwenti filwaqt li mminaw il-kapaċità tal-UE li tipproteġi s-sikurezza taċ-ċittadini tagħha;	B. billi għexieren ta' snin ta' akkwist fil-qasam tad-difiża ffukat fuq il-livell nazzjonali, il-frammentazzjoni industrijali, l-ostakli regolatorji, is-sottoinvestiment, l-objettivi diverġenti ta' politika barranija, in-nuqqas ta' ppjanar integrat tal-kapaċitajiet u d-domanda aggregata, kif ukoll il-kompetizzjoni fuq il-proprjetà intellettwali, impedew suq uniku integrat bis-sħiħ għad-difiża, u b'hekk iġġarrbu spejjeż żejda sinifikanti għall-kontribwenti filwaqt li mminaw il-kapaċità tal-UE li tipproteġi s-sikurezza taċ-ċittadini tagħha; ***billi din is-sitwazzjoni ddgħajjef ukoll il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) u tnaqqas ir-reżiljenza strateġika u l-kompetittività tal-Ewropa;***

Or. en

Emenda 13

Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi ***għexieren ta' snin ta' akkwist fil-qasam tad-difiża ffukat fuq il-livell nazzjonali, il-frammentazzjoni industrijali,*** l-ostakli regolatorji, is-sottoinvestiment***, l-objettivi diverġenti ta' politika barranija, in-nuqqas ta' ppjanar integrat tal-kapaċitajiet u d-domanda aggregata, kif ukoll il-kompetizzjoni fuq il-proprjetà intellettwali,*** impedew ***suq uniku integrat bis-sħiħ għad-difiża***, u b'hekk iġġarrbu spejjeż żejda sinifikanti għall-kontribwenti filwaqt li mminaw il-kapaċità tal-UE li tipproteġi s-sikurezza taċ-ċittadini tagħha;	B. billi l-ostakli regolatorji, is-sottoinvestiment ***u n-nuqqas ta' preferenza Ewropea*** impedew ***l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tal-industrija Ewropea tad-difiża***, u b'hekk iġġarrbu spejjeż żejda sinifikanti għall-kontribwenti filwaqt li mminaw il-kapaċità tal-UE li tipproteġi s-sikurezza taċ-ċittadini tagħha;

Or. en

Emenda 14
Nikola Bartůšek, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi ***għexieren ta' snin ta' akkwist fil-qasam tad-difiża ffukat fuq il-livell nazzjonali, il-frammentazzjoni industrijali,*** l-ostakli regolatorji, is-sottoinvestiment***, l-objettivi diverġenti ta' politika barranija, in-nuqqas ta' ppjanar integrat tal-kapaċitajiet u d-domanda aggregata, kif ukoll il-kompetizzjoni fuq il-proprjetà intellettwali, impedew suq uniku integrat bis-sħiħ għad-difiża***, u b'hekk iġġarrbu spejjeż żejda sinifikanti għall-kontribwenti filwaqt li ***mminaw il-kapaċità tal-UE li tipproteġi s-sikurezza*** taċ-ċittadini ***tagħha***;	B. billi l-ostakli regolatorji, is-sottoinvestiment ***u n-nuqqas ta' preferenza Ewropea ġenwina fixklu l-iżvilupp tal-industriji nazzjonali tad-difiża***, u b'hekk iġġarrbu spejjeż żejda sinifikanti għall-kontribwenti filwaqt li ***n-nazzjonijiet tal-Ewropa tħallew b'kapaċità limitata ħafna biex jiddefendu lilhom infushom b'mod effettiv u jiżguraw is-sigurtà*** taċ-ċittadini ***tagħhom***;

Or. en

Emenda 15
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi għexieren ta' snin ta' akkwist fil-qasam tad-difiża ffukat fuq il-livell nazzjonali, il-frammentazzjoni industrijali, l-ostakli regolatorji, is-sottoinvestiment, l-objettivi diverġenti ta' politika barranija, in-nuqqas ta' ppjanar integrat tal-kapaċitajiet u d-domanda aggregata, kif ukoll il-kompetizzjoni fuq il-proprjetà intellettwali, impedew suq uniku integrat bis-sħiħ għad-difiża, u b'hekk iġġarrbu spejjeż żejda sinifikanti għall-kontribwenti filwaqt li mminaw il-kapaċità tal-UE li tipproteġi s-sikurezza taċ-ċittadini tagħha;	B. billi għexieren ta' snin ta' akkwist fil-qasam tad-difiża ffukat fuq il-livell nazzjonali, il-frammentazzjoni industrijali, l-ostakli regolatorji, is-sottoinvestiment, l-objettivi diverġenti ta' politika barranija, in-nuqqas ta' ppjanar integrat tal-kapaċitajiet u d-domanda aggregata***, in-nuqqas ta' offerti fl-UE kollha għall-prodotti tad-difiża, id-dipendenza mifruxa mill-Artikolu 346 tat-TFUE***, kif ukoll il-kompetizzjoni fuq il-proprjetà intellettwali, impedew suq uniku integrat bis-sħiħ għad-difiża, u b'hekk iġġarrbu spejjeż żejda sinifikanti għall-kontribwenti filwaqt li mminaw il-kapaċità tal-UE li tipproteġi s-sikurezza taċ-ċittadini tagħha;

Or. en

Emenda 16
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi għexieren ta' snin ta' akkwist fil-qasam tad-difiża ffukat fuq il-livell nazzjonali, il-frammentazzjoni industrijali, l-ostakli regolatorji, is-sottoinvestiment, l-objettivi diverġenti ta' politika barranija, in-nuqqas ta' ppjanar integrat tal-kapaċitajiet u d-domanda aggregata, kif ukoll il-kompetizzjoni fuq il-proprjetà	B. billi għexieren ta' snin ta' akkwist fil-qasam tad-difiża ffukat fuq il-livell nazzjonali, il-frammentazzjoni industrijali, l-ostakli regolatorji, is-sottoinvestiment, l-objettivi diverġenti ta' politika barranija, in-nuqqas ta' ppjanar integrat tal-kapaċitajiet u d-domanda aggregata, kif ukoll il-kompetizzjoni fuq il-proprjetà

intellettwali, impedew suq uniku integrat bis-sħiħ għad-difiża, u b'hekk iġġarrbu spejjeż żejda sinifikanti għall-kontribwenti filwaqt li mminaw il-kapaċità tal-UE li tipproteġi s-sikurezza taċ-ċittadini tagħha;	intellettwali, impedew suq uniku integrat bis-sħiħ għad-difiża ***u dgħajfu l-interoperabbiltà fis-sistemi tad-difiża tal-Istati Membri***, u b'hekk iġġarrbu spejjeż żejda sinifikanti għall-kontribwenti filwaqt li mminaw il-kapaċità tal-UE li tipproteġi s-sikurezza taċ-ċittadini tagħha;

Or. en

Emenda 17
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi għexieren ta' snin ta' akkwist fil-qasam tad-difiża ***ffukat fuq il-livell nazzjonali***, il-frammentazzjoni industrijali, l-ostakli regolatorji, is-sottoinvestiment, ***l-objettivi diverġenti ta' politika barranija, in-nuqqas ta' ppjanar integrat*** tal-kapaċitajiet u d-domanda aggregata, kif ukoll il-kompetizzjoni fuq il-proprjetà intellettwali, impedew suq uniku ***integrat bis-sħiħ*** għad-difiża, u b'hekk ***iġġarrbu spejjeż żejda*** sinifikanti ***għall-kontribwenti*** filwaqt li mminaw il-kapaċità tal-UE li tipproteġi s-sikurezza taċ-ċittadini tagħha;	B. billi għexieren ta' snin ta' akkwist fil-qasam tad-difiża ***ddominat minn mudelli ta' akkwisti extra-Ewropej***, il-frammentazzjoni industrijali, l-ostakli regolatorji, is-sottoinvestiment, ***l-ippjanar*** tal-kapaċitajiet ***mhux ikkoordinat biżżejjed*** u d-domanda aggregata, kif ukoll il-kompetizzjoni fuq il-proprjetà intellettwali, impedew ***il-ħolqien ta'*** suq uniku ***effettiv*** għad-difiża ***fl-Unjoni***, u b'hekk ***ġarrbu nuqqas*** sinifikanti ***ta' kompetittività industrijali*** filwaqt li mminaw il-kapaċità tal-UE li tipproteġi s-sikurezza taċ-ċittadini tagħha;

Or. en

Emenda 18
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi għexieren ta' snin ta' akkwist fil-qasam tad-difiża ffukat fuq il-livell	billi għexieren ta' snin ta' akkwist fil-qasam tad-difiża ffukat fuq il-livell

nazzjonali, il-frammentazzjoni industrijali, l-ostakli regolatorji, is-sottoinvestiment, l-objettivi ***divergenti*** ta' politika barranija***, in-nuqqas ta' ppjanar integrat tal-kapaċitajiet u d-domanda aggregata, kif ukoll il-kompetizzjoni fuq il-proprjetà intellettwali, impedew*** suq ***uniku integrat bis-sħiħ għad-difiża, u b'hekk iġġarrbu spejjeż żejda sinifikanti għall-kontribwenti filwaqt li mminaw il-kapaċità*** tal-UE ***li tipproteġi s-sikurezza taċ-ċittadini tagħha***;	nazzjonali, il-frammentazzjoni industrijali, l-ostakli regolatorji, is-sottoinvestiment, l-objettivi ta' politika barranija ***llimitaw il-kooperazzjoni Ewropea fl-akkwist għad-difiża, iżda billi approċċ ibbażat fuq*** suq ***intergovernattiv tad-difiża jagħmilha possibbli li jiġu rrikonċiljati aħjar l-effiċjenza industrijali u r-rispett tas-sovranità tal-Istati Membri, din id-diversità nazzjonali tibqa' essenzjali għar-reżiljenza u għas-sovranità strateġika*** tal-UE***;***
	Or. fr

Emenda 19
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-allinjament tal-proċessi tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża tal-Istati Membri mal-Proċess ta' Ppjanar u Reviżjoni tad-Difiża tan-NATO għandu essenzjali biex jiġu żgurati l-koerenza u l-interoperabbiltà bejn l-UE u l-forzi tan-NATO; billi n-nuqqas ta' standards tekniċi u ta' ċertifikazzjoni armonizzati fl-Unjoni jkompli jfixkel il-kompatibbiltà inkroċjata tas-sistemi tat-tagħmir u tal-munizzjon tad-difiża;
	Or. en

Emenda 20
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi t-tranżizzjoni għal suq uniku għad-difiża trid tkun mibnija fuq prinċipji ta' tranżizzjoni ġusta u trid tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u djalogu soċjali adegwat permezz tal-katina tal-provvista industrijali tad-difiża; billi kwalunkwe ristrutturar tal-industrija tad-difiża jrid jagħti prijorità lit-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema affettwati minn konsolidazzjoni industrijali;

Or. en

Emenda 21
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi t-Tanker Multifunzjonali ta' Trasport A330 jirrappreżenta eżempju pożittiv ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-difiża li rnexxiet, billi ġie żviluppat permezz ta' proġett kollaborattiv li juri kif l-investiment kollettiv u l-iżvilupp kondiviż jistgħu jwasslu għal kapaċità fil-livell dinji filwaqt li jiġu evitati sforzi nazzjonali doppji;

Or. en

Emenda 22
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi n-nuqqas ta' proprjetà intellettwali komuni u reġim ta' liċenzjar għar-R&Ż fil-qasam tad-difiża ffinanzjati pubblikament jipprevjeni l-manifattura skalabbli u minn diversi produtturi ta' disinji Ewropej iċċertifikati, filwaqt li jillimita l-effettività tal-istrumenti ta' akkwist konġunt u jfixkel it-tkabbir tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB);

Or. en

Emenda 23
Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-ippjanar, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-akkwist ***konġunti*** fil-qasam tad-difiża ***fl-Unjoni*** jippermettu aktar effiċjenza u effettività tal-investiment pubbliku u kisbiet industrijali u operazzjonali***, u b'hekk tiżdied l-aċċettazzjoni soċjali u politika taż-żidiet*** meħtieġa fl-investiment fil-qasam tad-difiża fi żminijiet ta' bażits ristretti;	C. billi l-ippjanar, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-akkwist fil-qasam tad-difiża ***kkoordinati aħjar fost l-Istati Membri, f'konformità sħiħa mal-Artikolu 4(2) tat-TUE li jirrikonoxxi li s-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru,*** jippermettu aktar effiċjenza u effettività tal-investiment pubbliku u ***jwasslu*** kisbiet industrijali u operazzjonali***; billi tali kooperazzjoni trid tagħti prijorità lill-komplementarjetà u l-koerenza mal-ippjanar tan-NATO u lill-evitar tad-duplikazzjoni sabiex jissaħħu l-fiduċja pubblika u l-appoġġ għaż-żidiet*** meħtieġa fl-investiment fil-qasam tad-difiża fi żminijiet ta' bażits ristretti;

Or. en

Emenda 24
Eszter Lakos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-ippjanar, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-akkwist konġunti fil-qasam tad-difiża fl-Unjoni jippermettu aktar effiċjenza u effettività tal-investiment pubbliku u kisbiet industrijali u operazzjonali, u b'hekk tiżdied l-aċċettazzjoni soċjali u politika taż-żidiet meħtieġa fl-investiment fil-qasam tad-difiża fi żminijiet ta' baġits ristretti;	C. billi l-ippjanar, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-akkwist konġunti fil-qasam tad-difiża fl-Unjoni jippermettu aktar effiċjenza u effettività tal-investiment pubbliku u kisbiet industrijali u operazzjonali, u b'hekk tiżdied l-aċċettazzjoni soċjali u politika taż-żidiet meħtieġa fl-investiment fil-qasam tad-difiża fi żminijiet ta' baġits ristretti; ***billi sabiex jiżdied l-appoġġ pubbliku għal dawn l-investimenti, ir-redditi u l-benefiċċji ekonomiċi jeħtieġ li jiġu mifruxa madwar l-Unjoni b'mod ibbilanċjat u proporzjonat, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-bażijiet industrijali tad-difiża nazzjonali;***

Or. en

Emenda 25
Nicolás Pascual de la Parte, Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-ippjanar, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-akkwist konġunti fil-qasam tad-difiża fl-Unjoni jippermettu aktar effiċjenza u effettività tal-investiment pubbliku u kisbiet industrijali u operazzjonali, u b'hekk tiżdied l-aċċettazzjoni soċjali u politika taż-żidiet meħtieġa fl-investiment fil-qasam tad-difiża fi żminijiet ta' baġits ristretti;	C. billi l-ippjanar, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-akkwist konġunti fil-qasam tad-difiża fl-Unjoni jippermettu aktar effiċjenza u effettività tal-investiment pubbliku u kisbiet industrijali u operazzjonali, u b'hekk tiżdied l-aċċettazzjoni soċjali u politika taż-żidiet meħtieġa fl-investiment fil-qasam tad-difiża fi żminijiet ta' baġits ristretti; ***billi tali kooperazzjoni għandha tiżgura parteċipazzjoni ġusta u sħiħa tal-SMEs u tal-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja fil-katina tal-valur tad-difiża u ssaħħaħ il-koeżjoni reġjonali madwar l-Unjoni;***

Or. en

Emenda 26
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-ippjanar, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-akkwist konġunti fil-qasam tad-difiża fl-Unjoni jippermettu aktar effiċjenza u effettività tal-investiment pubbliku u kisbiet industrijali u operazzjonali, u b'hekk tiżdied l-aċċettazzjoni soċjali u politika taż-żidiet meħtieġa fl-investiment fil-qasam tad-difiża fi żminijiet ta' bagits ristretti;	C. billi l-ippjanar, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-akkwist konġunti fil-qasam tad-difiża fl-Unjoni jippermettu aktar effiċjenza u effettività tal-investiment pubbliku u kisbiet industrijali u operazzjonali, u b'hekk tiżdied l-aċċettazzjoni soċjali u politika taż-żidiet meħtieġa fl-investiment fil-qasam tad-difiża fi żminijiet ta' bagits ristretti ***u jitjiebu b'mod sinifikanti l-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jiksbu prontezza tad-difiża sħiħa qabel l-2030***;

Or. en

Emenda 27
Angelika Niebler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-ippjanar, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-akkwist konġunti fil-qasam tad-difiża fl-Unjoni jippermettu aktar effiċjenza u effettività tal-investiment pubbliku u kisbiet industrijali u operazzjonali, u b'hekk tiżdied l-aċċettazzjoni soċjali u politika taż-żidiet meħtieġa fl-investiment fil-qasam tad-difiża fi żminijiet ta' bagits ristretti;	C. billi l-ippjanar, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-akkwist konġunti fil-qasam tad-difiża fl-Unjoni jippermettu aktar effiċjenza u effettività tal-investiment pubbliku u kisbiet industrijali u operazzjonali, u b'hekk tiżdied l-aċċettazzjoni soċjali u politika taż-żidiet meħtieġa fl-investiment fil-qasam tad-difiża fi żminijiet ta' bagits ristretti; ***kif ukoll Unjoni Ewropea tad-Difiża ġenwina;***

Or. en

Emenda 28
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-ippjanar, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-akkwist konġunti fil-qasam tad-difiża fl-Unjoni jippermettu aktar effiċjenza u effettività tal-investiment pubbliku u kisbiet industrijali u operazzjonali, u b'hekk tiżdied l-aċċettazzjoni soċjali u politika taż-żidiet meħtieġa fl-investiment fil-qasam tad-difiża fi żminijiet ta' baġits ristretti;	C. billi l-ippjanar ***tal-kapaċitajiet***, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-akkwist konġunti fil-qasam tad-difiża ***fost l-Istati Membri*** fl-Unjoni jippermettu aktar effiċjenza u effettività tal-investiment pubbliku u kisbiet industrijali u operazzjonali, u b'hekk tiżdied l-aċċettazzjoni soċjali u politika taż-żidiet meħtieġa fl-investiment fil-qasam tad-difiża fi żminijiet ta' baġits ristretti;

Or. en

Emenda 29
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-SMEs jiffaċċjaw ostakli inġusti għad-dħul fis-swieq tad-difiża, bħall-attirar tal-investimenti, l-issodisfar tar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni kumplessi u d-dominanza ta' kuntratturi eżistenti kbar; billi suq uniku verament kompetittiv għad-difiża jrid jiżgura l-aċċess ġust għall-SMEs u jipprevjeni konċentrazzjoni tas-suq eċċessiva;

Or. en

Emenda 30
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-akkwist kollaborattiv Ewropew ammonta għal 18 % biss tan-nefqa fuq l-akkwist tat-tagħmir tad-difiża fl-2022, ferm anqas mill-parametru referenzjarju ta' 35 % maqbul fl-oqfsa tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża[2a];
	[2a] https://commission.europa.eu/document/download/97e481fd-2dc3-412d-be4c-f152a8232961_mt?filename=The%20future%20of%20European%20competitiveness%20_%20A%20competitiveness%20strategy%20for%20Europe.pdf

Or. en

Emenda 31
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-Artikolu 346 tat-TFUE jippermetti eżenzjonijiet mir-regoli tas-suq intern biss f'każijiet strettament meħtieġa biex jiġu protetti l-interessi tas-sigurtà essenzjali;

Or. en

Emenda 32
Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi r-rapporti ta' Letta u ta' Draghi jenfasizzaw taħlita ta' dgħufijiet strutturali li jaffettwaw il-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) u jidentifikaw il-frammentazzjoni, l-infiq pubbliku insuffiċjenti għad-difiża u l-aċċess limitat għall-finanzjament bħala sfidi ewlenin;	D. billi r-rapporti ta' Letta u ta' Draghi jenfasizzaw taħlita ta' dgħufijiet strutturali li jaffettwaw il-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) u jidentifikaw il-frammentazzjoni, l-infiq pubbliku insuffiċjenti għad-difiża u l-aċċess limitat għall-finanzjament bħala sfidi ewlenin; ***billi d-dgħufija strutturali ewlenija tinsab fil-fatt li, mill-2022, l-Istati Membri allokaw madwar 78 % tal-infiq fuq l-akkwist fil-qasam tad-difiża tagħhom lil fornituri barra mill-UE, inkluż madwar 63 % lil fornituri mill-Istati Uniti[8a];***
	[8a] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52024JC0010&

Or. en

Emenda 33
Nikola Bartůšek, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi r-rapporti ta' Letta u ta' Draghi jenfasizzaw taħlita ta' dgħufijiet strutturali li jaffettwaw il-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) u jidentifikaw il-frammentazzjoni, l-infiq pubbliku insuffiċjenti għad-difiża u l-aċċess limitat għall-finanzjament bħala sfidi ewlenin;	D. billi r-rapporti ta' Letta u ta' Draghi jenfasizzaw taħlita ta' dgħufijiet strutturali li jaffettwaw il-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) u jidentifikaw il-frammentazzjoni, l-infiq pubbliku insuffiċjenti għad-difiża u l-aċċess limitat għall-finanzjament bħala sfidi ewlenin; ***billi waħda mill-kawżi ewlenin ta' din id-dgħufija hija li sehem sostanzjali min-nefqa għad-difiża Ewropea hija diretta lejn fornituri mhux Ewropej, għad-***

detriment tal-kapaċità industrijali tal-Istati Membri stess;

Or. en

Emenda 34
Nicolás Pascual de la Parte, Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi r-rapporti ta' Letta u ta' Draghi jenfasizzaw taħlita ta' dgħufijiet strutturali li jaffettwaw il-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) u jidentifikaw il-frammentazzjoni, l-infiq pubbliku insuffiċjenti għad-difiża u l-aċċess limitat għall-finanzjament bħala sfidi ewlenin;	D. billi r-rapporti ta' Letta u ta' Draghi jenfasizzaw taħlita ta' dgħufijiet strutturali li jaffettwaw il-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) u jidentifikaw il-frammentazzjoni, l-infiq pubbliku insuffiċjenti għad-difiża u l-aċċess limitat għall-finanzjament bħala sfidi ewlenin; ***billi r-Rapport ta' Niinistö jissottolinja wkoll il-ħtieġa li tissaħħaħ il-preparatezza ġenerali tal-Ewropa, inkluża l-integrazzjoni tar-reżiljenza ċivili u militari u l-mobilizzazzjoni tal-investiment privat;***

Or. en

Emenda 35
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi r-rapporti ta' Letta u ta' Draghi jenfasizzaw taħlita ta' dgħufijiet strutturali li jaffettwaw il-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) u jidentifikaw il-frammentazzjoni, l-infiq pubbliku insuffiċjenti għad-difiża u l-aċċess limitat għall-finanzjament bħala sfidi ewlenin;	D. billi r-rapporti ta' Letta u ta' Draghi jenfasizzaw taħlita ta' dgħufijiet strutturali li jaffettwaw il-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) u jidentifikaw il-frammentazzjoni, l-infiq pubbliku insuffiċjenti għad-difiża u l-aċċess limitat għall-finanzjament bħala sfidi ewlenin ***u***

għalhekk jirrikonoxxu l-ħtieġa tal-bini ta' suq veru fl-UE kollha għat-tagħmir tad-difiża;

Or. en

Emenda 36
Marion Maréchal

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi skont it-Trattati, b'mod partikolari l-Artikolu 4 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 346 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), is-settur tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali huma r-responsabbiltà prinċipali tal-Istati Membri; billi, konsegwentement, kwalunkwe rieda għal integrazzjoni u għal armonizzazzjoni tas-swieq tad-difiża Ewropej hija possibbli biss fuq bażi ta' kooperazzjoni volontarja bejn l-Istati Membri;

Or. fr

Emenda 37
Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi n-NATO tibqa' s-sinsla tas-sigurtà Ewropea, element ċentrali tal-politika tad-difiża tagħha u l-organizzazzjoni kompetenti ewlenija għall-iżgurar tal-protezzjoni taż-żona Ewro-Atlantika; għalhekk l-isforzi tal-Unjoni biex issaħħaħ il-bażi industrijali

tad-difiża tagħha u tindirizza l-ostakli għas-suq uniku għad-difiża għandhom ikunu komplementari bis-sħiħ mal-ippjanar tan-NATO, jevitaw id-duplikazzjoni, u jsaħħu l-interoperabbiltà trans-Atlantika u l-kondiviżjoni tal-pożijiet;

Or. en

Emenda 38
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi bażi industrijali tad-difiża Ewropea reżiljenti, kompetittiva u innovattiva hija essenzjali biex titwettaq il-Boxxla Strateġika u tiġi żgurata l-kapaċità tal-UE li tiskoraġġixxi u tiddefendi fid-dawl tal-aġenda għall-Prontezza tal-2030; billi dan jirrikjedi politika industrijali u teknoloġika koerenti li tappoġġja l-kapaċitajiet interoperabbli, tiżgura l-ktajjen tal-provvista kritiċi, tappoġġja lill-SMEs, u tippromwovi l-innovazzjoni b'użu doppju;

Or. en

Emenda 39
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-oqfsa attwali tal-UE dwar il-kompetizzjoni u l-għajnuna mill-Istat ma għandhomx dispożizzjonijiet imfassla apposta għal proġetti għad-difiża

kooperattivi, u hemm riskju li dan ifixkel il-kollaborazzjoni u l-espansjoni industrijali; billi ma teżisti l-ebda eżenzjoni ta' kategorija speċifika jew mekkaniżmu ta' faċilitazzjoni simili għal programmi tad-difiża fil-Fond Ewropew għad-Difiża, u dan joħloq inċertezza legali għall-kumpaniji involuti fl-iżvilupp konġunt;

Or. en

Emenda 40
Tobias Cremer, José Cepeda, Raphaël Glucksmann, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-UE ppreżentat għadd ta' inizjattivi li għandhom l-għan li jsaħħu l-prontezza tad-difiża tal-Unjoni, itejbu l-kundizzjonijiet tal-investiment u jinċentivaw l-azzjoni konġunta, iżda, sal-lum, ma pproponietx il-miżuri trasformattivi meħtieġa biex tinkiseb il-prontezza sħiħa tad-difiża sal-2030, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' suq uniku ġenwin għall-prodotti tad-difiża;

Or. en

Emenda 41
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-utenti finali tal-prodotti tad-difiża huma primarjament il-forzi armati nazzjonali tal-Istati Membri u dawn tal-aħħar jistgħu għalhekk jikkunsidraw li

jżidu l-investimenti u l-kooperazzjoni tagħhom fi proġetti industrijali tad-difiża komuni biss jekk dawn il-proġetti jinvolvu l-iżvilupp ta' kapaċitajiet militari ta' interess komuni għall-forzi armati tagħhom;

Or. en

Emenda 42
Pierre-Romain Thionnet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi n-nefqa u l-għażla tal-armamenti mill-Istati huma determinati primarjament minn kunsiderazzjonijiet diplomatiċi u politiċi, u li, fil-każ tal-Ewropa, dan wassal għal dipendenza industrijali u teknoloġika volontarja li għandha l-għan li żżomm u ssaħħaħ il-garanziji tas-sigurtà pprovduti mill-Istati Uniti;

Or. en

Emenda 43
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi ż-żieda fl-infiq għad-difiża ma tridx tkun għad-detriment tal-investiment soċjali essenzjali, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-azzjoni klimatika; billi l-politika industrijali tad-difiża għandha tiġi integrata fi strateġija industrijali tal-UE usa' li tippromwovi l-impjiegi ta' kwalità, il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp

sostenibbli;

Or. en

Emenda 44
Judita Laššáková

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-iżvilupp ta' Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) aktar integrata u kompetittiva ma jridx ikun għad-detriment tal-prerogattivi sovrani tal-Istati Membri fi kwistjonijiet tas-sigurtà nazzjonali, li tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru skont l-Artikolu 4(2) tat-TUE;

Or. en

Emenda 45
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-White Paper dwar il-Ġejjieni tad-Difiża Ewropea tenfasizza li s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni regolatorji jridu jiffukaw fuq ir-regoli u l-proċeduri għall-akkwist fil-qasam tad-difiża, it-trasferimenti intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża, ir-rikonoxximent reċiproku ta' permessi ta' ċertifikazzjoni nazzjonali u l-għoti ta' permessi;

Or. en

Emenda 46
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi avvenimenti reċenti esponew ir-riskji tal-konċentrazzjoni tal-katina tal-provvista fis-settur Ewropew tad-difiża, bi prodotti u inputs kritiċi tad-difiża spiss dipendenti minn fornitur wieħed jew għadd limitat ħafna ta' fornituri; billi tali konċentrazzjoni toħloq punti uniċi ta' falliment u vulnerabbiltajiet fi żminijiet ta' kriżi, filwaqt li tenfasizza l-ħtieġa urġenti tad-diversifikazzjoni u tat-tnaqqis fis-sorsi tal-provvisti;

Or. en

Emenda 47
Judita Laššáková

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi t-tisħiħ tal-industrija Ewropea tad-difiża għandu jkollu l-għan li jżid l-effiċjenza, l-interoperabbiltà u r-reżiljenza fl-Unjoni, mingħajr ma jwassal għall-ħolqien ta' strutturi militari sovranazzjonali jew għal kwalunkwe forma ta' armata tal-UE;

Or. en

Emenda 48
Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi t-tisħiħ tal-konnettività tat-Tramuntana u n-Nofsinhar fuq in-naħa tal-Lvant, inkluż permezz tal-Inizjattiva dwar it-Tliet Ibħra (3SI), jista' jaċċelera l-infrastruttura b'użu doppju u l-loġistika kruċjali għall-prontezza tad-difiża;

Or. en

Emenda 49
Judita Laššáková

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) għadha ma kisbitx il-livell ta' integrazzjoni u ta' kapaċità previst fl-Artikolu 42 tat-TUE; billi, skont it-Trattati, id-difiża komuni tal-Unjoni tiddependi minn deċiżjoni unanima tal-Kunsill Ewropew, u r-responsabbiltà primarja għad-difiża nazzjonali tibqa' tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 50
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi l-kumpaniji tad-difiża ta' pajjiżi iżgħar ġew affettwati fil-passat, b'mod partikolari minn kontrolli ta' esportazzjoni/trasferiment stretti żżejjed ta' Stat Membru ieħor, u dan juri kif punt

ta' konġestjoni wieħed jista' jimmina l-ktajjen tal-provvista fl-UE kollha;

Or. en

Emenda 51
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dd. billi r-regoli tal-UE dwar l-akkwist fil-qasam tad-difiża (Direttiva 2009/81/KE) għadhomx ma ġewx aġġornati b'mod komprensiv minkejja tibdil sinifikanti fl-ambjent tas-sigurtà; billi l-partijiet ikkonċernati spiss isibu l-proċeduri tad-Direttivi kumplessi żżejjed u bil-mod wisq, u dan jirrikjedi sforz amministrattiv sproporzjonat;

Or. en

Emenda 52
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa De (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	De. billi l-manifatturi tad-difiża jiffaċċjaw pożijiet regolatorji dejjem akbar minn leġiżlazzjoni orizzontali tal-UE, inklużi proċessi tal-għoti ta' permessi kumplessi, rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni nazzjonali differenti, obbligi ta' rapportar estensivi, u konformità ma' regolamenti ambjentali u kimiċi li mhumiex adattati għall-ħtiġijiet urġenti tal-produzzjoni fil-qasam tad-difiża; billi nuqqas ta' eżenzjonijiet speċifiċi għad-difiża jew proċeduri simplifikati f'dawn l-oqsma

jista' jdewwem it-tisħiħ tal-kapaċità industrijali u jżid il-kostijiet, mingħajr ma neċessarjament itejjeb l-eżiti; billi dawn il-pożijiet, flimkien ma' fiduċja reċiproka insuffiċjenti fost l-Istati Membri, ifixklu l-funzjonament effiċjenti tas-suq uniku għad-difiża;

Or. en

Emenda 53
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Df (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Df. billi għad hemm nuqqas ta' fiduċja reċiproka fost l-awtoritajiet nazzjonali fil-qasam tad-difiża, u dan iwassal biex l-Istati Membri jimponu restrizzjonijiet doppji jew ta' prekawzjoni fuq trasferimenti intra-EU ta' tagħmir tad-difiża, u jfixkel l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista Ewropej verament integrati;

Or. en

Emenda 54
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dg (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dg. billi rekwiżiti nazzjonali differenti tal-awtorizzazzjoni ta' sigurtà għall-persunal u l-kumpaniji tal-industrija tad-difiża qed jimpedixxu l-kollaborazzjoni transfruntiera; billi ditta jew inġinier awtorizzat li jittratta informazzjoni klassifikata fi Stat Membru ieħor spiss jiffaċċja skrinjar doppju u fit-tul biex jiġi

rikonoxxut fi Stat Membru ieħor, u dan idewwem il-proġetti multinazzjonali;

Or. en

Emenda 55
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dh (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dh. billi ħafna teknoloġiji mill-aktar avvanzati huma, intrinsikament ta' użu doppju, u jaqdu applikazzjonijiet ċivili kif ukoll militari; billi l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet tad-difiża fil-politiki industrijali u tal-innovazzjoni usa' tal-Unjoni hija meħtieġa biex jiġu sfruttati s-sinerġiji u pprevenuti l-kunflitti regolatorji;

Or. en

Emenda 56
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Di (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Di. billi l-industrija Ewropea tad-difiża qed tiffaċċja nuqqas serju ta' ħaddiema tas-sengħa u forza tax-xogħol li qed tixjieħ, u dan jhedded li jostakola l-espansjoni tal-produzzjoni;

Or. en

Emenda 57
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dj (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dj. billi industrija Ewropea tad-difiża robusta tista' twassal benefiċċji mhux biss għas-sigurtà iżda anke għall-iżvilupp sostanzjali ekonomiku u reġjonali; billi l-investimenti fid-difiża għandhom il-potenzjal li joħolqu impjiegi ta' kwalità għolja tul firxa wiesgħa ta' reġjuni, u b'hekk jikkontribwixxu għall-objettivi ta' koeżjoni;

Or. en

Emenda 58
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dk (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dk. billi huwa importanti li jiġi żgurat li t-tkabbir tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) huwa ġeografikament wiesgħa, u jisfrutta l-punti b'saħħithom tal-Istati Membri kollha u jxerred l-opportunitajiet għall-SMEs u għall-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 59
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dl (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dl. billi l-objettiv li jinħoloq suq uniku għad-difiża huwa fl-aħħar mill-aħħar mezz biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika u tas-sigurtà tal-Ewropa, u mhux għan fih innifsu; billi l-integrazzjoni industrijali tad-difiża għandha taqdi l-kapaċità tal-Unjoni li tipproteġi ċ-ċittadini u l-valuri tagħha, tiżgura r-reżiljenza u d-deterrenza, u tiddefendi l-libertà ta' azzjoni tagħha; billi għandu jinstab bilanċ bejn l-effiċjenza tas-suq u l-imperattivi tas-sovranità u tas-solidarjetà, filwaqt li jiġi affermat mill-ġdid li l-għodod tas-suq jintużaw fis-settur tad-difiża biex tinkiseb sigurtà kollettiva akbar u mhux bħala sempliċi għanijiet ta' politika industrijali;
	Or. en

Emenda 60
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dm (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dm. billi l-adozzjoni rapida u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji innovattivi mill-forzi armati tal-Ewropa hija mfixkla minn ċikli ta' żvilupp fit-tul u livell għoli ta' averżjoni għar-riskju;
	Or. en

Emenda 61
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-viżjoni ta' suq ***uniku*** għad-difiża fl-Unjoni	Il-viżjoni ta' suq ***intergovernattiv*** għad-difiża fl-Unjoni

Or. fr

Emenda 62
Nikola Bartůšek, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu -1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1 Ifakkar li d-difiża nazzjonali tikkostitwixxi kompetenza esklużiva tal-Istati Membri skont l-Artikolu 42 tat-TUE u l-Artikolu 346 tat-TFUE, u li kwalunkwe kooperazzjoni Ewropea f'dan il-qasam trid tibqa' intergovernattiva, volontarja u mhux vinkolanti, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ l-istrutturi u l-prinċipji kostituzzjonali nazzjonali, kif ukoll il-kompetenzi esklużivi tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 63
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jemmen li l-isfidi drammatiċi li jiffaċċjaw l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jirrikjedu ħsieb mill-ġdid tal-mod kif jikkooperaw fi kwistjonijiet ta' difiża; jissottolinja li l-UE jeħtiġilha tbiddel b'mod fundamentali l-fehim tagħha tal-produzzjoni tal-industrija tad-difiża billi tiżviluppa suq uniku veru għad-difiża, kif ġie appellat fir-rapporti ta' Letta, ta'	1. Jemmen li l-isfidi drammatiċi li jiffaċċjaw l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jirrikjedu ħsieb mill-ġdid tal-mod kif jikkooperaw fi kwistjonijiet ta' difiża; jissottolinja li l-UE jeħtiġilha tbiddel b'mod fundamentali l-fehim tagħha tal-produzzjoni tal-industrija tad-difiża billi tiżviluppa suq uniku veru għad-difiża, kif ġie appellat fir-rapporti ta' Letta, ta'

Draghi u ta’ Niinistö;	Draghi u ta’ Niinistö; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri biex sadanittant isaħħu l-kooperazzjoni transfruntiera ġenwina biex jegħlbu r-reazzjonijiet nazzjonalistiċi lejn il-bażi industrijali; jenfasizza l-importanza li l-UE tiffaċilita u tikkoordina din il-kooperazzjoni filwaqt li tibni l-fiduċja fost l-atturi kollha involuti;***
	Or. en

Emenda 64
Engin Eroglu, Marjan Šarec, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jemmen li l-isfidi drammatiċi li jiffaċċjaw l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jirrikjedu ħsieb mill-ġdid tal-mod kif jikkooperaw fi kwistjonijiet ta’ difiża; jissottolinja li l-UE jeħtiġilha tbiddel b’mod fundamentali l-fehim tagħha tal-produzzjoni tal-industrija tad-difiża billi tiżviluppa suq uniku veru għad-difiża, kif ġie appellat fir-rapporti ta’ Letta, ta’ Draghi u ta’ Niinistö;	1. Jemmen li l-isfidi drammatiċi li jiffaċċjaw l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jirrikjedu ħsieb mill-ġdid tal-mod kif jikkooperaw fi kwistjonijiet ta’ difiża; ***jiddeplora l-mentalità nazzjonali li għadha tiddomina d-dibattiti u t-tfassil tal-politika, peress li l-Istati Membri ta’ spiss jagħtu prijorità lill-interessi nazzjonali fuq il-kooperazzjoni Ewropea, b’mod partikolari fil-qasam tal-integrazzjoni tal-industrija tad-difiża;*** jissottolinja li l-UE jeħtiġilha tbiddel b’mod fundamentali l-fehim tagħha tal-produzzjoni tal-industrija tad-difiża billi tiżviluppa suq uniku veru għad-difiża ***sa Ġunju 2026***, kif ġie appellat fir-rapporti ta’ Letta, ta’ Draghi u ta’ Niinistö;
	Or. en

Emenda 65
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jemmen li l-isfidi drammatiċi li jiffaċċjaw l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jirrikjedu ***ħsieb mill-ġdid tal-mod kif jikkooperaw*** fi kwistjonijiet ta' difiża; jissottolinja li ***l-UE jeħtiġilha tbiddel*** b'mod fundamentali l-fehim ***tagħha*** tal-produzzjoni tal-industrija tad-difiża billi ***tiżviluppa*** suq uniku veru għad-difiża, kif ġie appellat fir-rapporti ta' Letta, ta' Draghi u ta' Niinistö;	1. Jemmen li l-isfidi drammatiċi li jiffaċċjaw l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jirrikjedu ***mingħandhom, flimkien mal-appoġġ attiv tal-UE, pass kbir lejn koordinazzjoni ġenwina u aktar effettiva*** fi kwistjonijiet ta' difiża; jissottolinja li ***l-Unjoni u l-Istati Membri tagħhom jeħtiġilhom ibiddlu*** b'mod fundamentali l-fehim ***tagħhom*** tal-produzzjoni tal-industrija tad-difiża billi ***jiżviluppaw*** suq uniku ***Ewropew*** veru għad-difiża, kif ġie appellat fir-rapporti ta' Letta, ta' Draghi u ta' Niinistö;

Or. en

Emenda 66
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jemmen li l-isfidi drammatiċi li jiffaċċjaw l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jirrikjedu ħsieb mill-ġdid tal-mod kif jikkooperaw fi kwistjonijiet ta' difiża; jissottolinja li l-UE jeħtiġilha tbiddel b'mod fundamentali l-fehim tagħha tal-produzzjoni tal-industrija tad-difiża billi tiżviluppa suq uniku ***veru*** għad-difiża, kif ġie appellat fir-rapporti ta' Letta, ta' Draghi u ta' Niinistö;	1. Jemmen li l-isfidi ***u t-theddid*** drammatiċi li jiffaċċjaw l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jirrikjedu ħsieb mill-ġdid tal-mod kif jikkooperaw fi kwistjonijiet ta' difiża; jissottolinja li l-UE jeħtiġilha tbiddel b'mod fundamentali l-fehim tagħha tal-produzzjoni tal-industrija tad-difiża billi tiżviluppa suq uniku għad-difiża ***li jiffunzjona bis-sħiħ***, kif ġie appellat fir-rapporti ta' Letta, ta' Draghi u ta' Niinistö***, kif ukoll fil-White Paper dwar il-Ġejjieni tad-Difiża Ewropea***;

Or. en

Emenda 67
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jemmen li l-isfidi drammatiċi li jiffaċċjaw l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jirrikjedu ħsieb mill-ġdid tal-mod kif jikkooperaw fi kwistjonijiet ta' difiża; jissottolinja li ***l-UE jeħtiġilha tbiddel b'mod fundamentali l-fehim tagħha tal-produzzjoni tal-industrija tad-difiża billi tiżviluppa*** suq uniku ***veru għad-difiża, kif ġie appellat fir-rapporti ta' Letta, ta' Draghi u ta' Niinistö***;	1. Jemmen li l-isfidi drammatiċi li jiffaċċjaw l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jirrikjedu ħsieb mill-ġdid tal-mod kif jikkooperaw fi kwistjonijiet ta' difiża; jissottolinja li ***din il-kooperazzjoni trid tibbaża fuq oqfsa flessibbli u volontarji bejn l-Istati Membri, li jippromwovu s-sinerġiji industrijali mingħajr ma jimponu l-ħolqien ta'*** suq uniku ***restrinġenti, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali u d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 4 tat-TUE u 346 tat-TFUE***;

Or. fr

Emenda 68
Marion Maréchal

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jemmen li ***l-isfidi drammatiċi li jiffaċċjaw l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jirrikjedu ħsieb mill-ġdid tal-mod kif jikkooperaw*** fi kwistjonijiet ta' difiża***; jissottolinja li l-UE jeħtiġilha tbiddel b'mod fundamentali l-fehim tagħha tal-produzzjoni tal-industrija tad-difiża billi tiżviluppa*** suq uniku ***veru għad-difiża, kif ġie appellat fir-rapporti ta' Letta, ta' Draghi u ta' Niinistö***;	1. Jemmen li ***l-kooperazzjoni*** fi kwistjonijiet ta' difiża ***bejn l-Istati Membri tibbaża fuq l-intergovernabbiltà, fuq il-komplementarjetà industrijali u fuq il-protezzjoni tal-interessi strateġiċi ta' kull pajjiż, u mhux fuq il-ħolqien ta'*** suq uniku ***ċentralizzat, li jmur kontra l-prerogattivi tal-Istati Membri u tat-Trattati Ewropej infushom***;

Or. fr

Emenda 69
Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jemmen li ***l-isfidi drammatiċi li jiffaċċjaw*** l-Unjoni ***u l-Istati Membri tagħha*** jirrikjedu ***ħsieb mill-ġdid tal-mod kif jikkooperaw fi kwistjonijiet ta' difiża; jissottolinja li l-UE jeħtiġilha tbiddel b'mod fundamentali l-fehim tagħha tal-produzzjoni tal-industrija*** tad-difiża ***billi tiżviluppa suq uniku veru għad-difiża, kif ġie appellat fir-rapporti ta' Letta, ta' Draghi u ta' Niinistö***;	1. Jemmen li ***l-Istati Membri u*** l-Unjoni ***jiffaċċjaw sfidi kritiċi li*** jirrikjedu ***approċċ aktar koerenti u orjentat lejn ir-riżultati għall-mod kif jiġu żviluppati, prodotti u akkwistati l-kapaċitajiet tad-difiża, bil-għan li tittejjeb il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri,, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ l-Artikolu 4(2) tat-TUE, il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-kompetenzi nazzjonali u r-rwol tat-tmexxija tan-NATO fil-politiki Ewropej*** tad-difiża;

Or. en

Emenda 70
Nikola Bartůšek, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jemmen li l-isfidi ***drammatiċi li jiffaċċjaw l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha*** jirrikjedu ħsieb mill-ġdid tal-mod kif jikkooperaw fi kwistjonijiet ta' difiża; jissottolinja li ***l-UE jeħtiġilha tbiddel b'mod fundamentali l-fehim tagħha tal-produzzjoni tal-industrija tad-difiża billi tiżviluppa suq uniku veru għad-difiża, kif ġie appellat fir-rapporti ta' Letta, ta' Draghi u ta' Niinistö***;	1. Jemmen li l-isfidi ***li tiffaċċja l-Ewropa*** jirrikjedu ħsieb mill-ġdid tal-mod kif ***l-Istati Membri*** jikkooperaw fi kwistjonijiet ta' difiża; jissottolinja li ***tali kooperazzjoni għandha tiġi ggwidata bl-iżvilupp ta' preferenza verament Ewropea, abbażi ta' koordinazzjoni intergovernattiva u r-rispett għas-sovranità nazzjonali***;

Or. en

Emenda 71
Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jemmen li l-isfidi drammatiċi li jiffaċċjaw l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jirrikjedu ħsieb mill-ġdid tal-mod kif jikkooperaw fi kwistjonijiet ta' difiża; jissottolinja li l-UE jeħtiġilha tbiddel b'mod fundamentali l-fehim tagħha tal-produzzjoni tal-industrija tad-difiża billi tiżviluppa ***suq uniku veru għad-difiża, kif ġie appellat fir-rapporti ta' Letta, ta' Draghi u ta' Niinistö***;	1. Jemmen li l-isfidi drammatiċi li jiffaċċjaw l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jirrikjedu ħsieb mill-ġdid tal-mod kif jikkooperaw fi kwistjonijiet ta' difiża; jissottolinja li l-UE jeħtiġilha tbiddel b'mod fundamentali l-fehim tagħha tal-produzzjoni tal-industrija tad-difiża billi tiżviluppa ***preferenza Ewropea ġenwina***;

Or. en

Emenda 72
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Ifakkar li l-kooperazzjoni msaħħa tista' twassal biex isir gwadann enormi sa 30 % fl-effiċjenza tal-infiq annwali għad-difiża madwar l-UE, li jammonta għal mill-anqas EUR 57 biljun fis-sena u jagħti spinta sinifikanti lill-effettività tal-infiq attwali fid-difiża; jissottolinja l-vantaġġi usa' għall-kompetittività, għar-reżiljenza u għas-sovranità strateġika tal-UE, u dawn jippromettu opportunitajiet ta' impjiegi sinifikanti, żvilupp ekonomiku u tmexxija teknoloġika madwar l-UE kollha[9];	2. Ifakkar li l-kooperazzjoni msaħħa tista' twassal biex isir gwadann enormi sa 30 % fl-effiċjenza tal-infiq annwali għad-difiża madwar l-UE, li jammonta għal mill-anqas EUR 57 biljun fis-sena u jagħti spinta sinifikanti lill-effettività tal-infiq attwali fid-difiża; jissottolinja l-vantaġġi usa' għall-kompetittività, għar-reżiljenza u għas-sovranità strateġika tal-UE, u dawn jippromettu opportunitajiet ta' impjiegi sinifikanti, żvilupp ekonomiku u tmexxija teknoloġika madwar l-UE kollha[9]; ***jenfasizza li dan il-gwadanji fl-effiċjenza għandhom jiġu parzjalment investiti mill-ġdid fl-infrastruttura soċjali, fl-edukazzjoni u fit-tranżizzjoni klimatika, sabiex infiq ogħla għad-difiża ma jnaqqasx ir-rwol ta' servizzi pubbliċi importanti; jappella għall-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' valutazzjoni tal-impatt soċjali biex jiġu mmonitorjati l-effetti tal-konsolidazzjoni industrijali tad-difiża fuq l-impjiegi u l-ekonomiji reġjonali;***

[9] Ethan Ilzetki, Guns and Growth: The Economic Consequences of Defense buildups (Armi u Tkabbir: Il-Konsegwenzi Ekonomiċi tal-Bini tad-Difiża), Frar 2025.

[9] Ethan Ilzetki, Guns and Growth: The Economic Consequences of Defense buildups (Armi u Tkabbir: Il-Konsegwenzi Ekonomiċi tal-Bini tad-Difiża), Frar 2025.

Or. en

Emenda 73
Bart Groothuis, Petras Auštrevičius, Marjan Šarec, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Ifakkar li l-kooperazzjoni msaħħa tista' twassal biex isir gwadann enormi sa 30 % fl-effiċjenza tal-infiq annwali għad-difiża madwar l-UE, li jammonta għal mill-anqas EUR 57 biljun fis-sena u jagħti spinta sinifikanti lill-effettività tal-infiq attwali fid-difiża; jissottolinja l-vantaġġi usa' għall-kompetittività, għar-reżiljenza u għas-sovranità strateġika tal-UE, u dawn jippromettu opportunitajiet ta' impjiegi sinifikanti, żvilupp ekonomiku u tmexxija teknoloġika madwar l-UE kollha[9];	2. Ifakkar li l-kooperazzjoni msaħħa tista' twassal biex isir gwadann enormi sa 30 % fl-effiċjenza tal-infiq annwali għad-difiża madwar l-UE, li jammonta għal mill-anqas EUR 57 biljun fis-sena u jagħti spinta sinifikanti lill-effettività tal-infiq attwali fid-difiża; ***jistieden lill-Kummissjoni tikkwantifika aktar il-benefiċċji finanzjarji u operazzjonali potenzjali ta' suq uniku għad-difiża, inklużi l-gwadanji fl-effiċjenza u ż-żieda fil-kapaċità militari kollettiva, permezz ta' valutazzjoni tal-impatt indipendenti;*** jissottolinja l-vantaġġi usa' għall-kompetittività, għar-reżiljenza u għas-sovranità strateġika tal-UE, u dawn jippromettu opportunitajiet ta' impjiegi sinifikanti, żvilupp ekonomiku u tmexxija teknoloġika madwar l-UE kollha[9];

[9] Ethan Ilzetki, Guns and Growth: The Economic Consequences of Defense buildups (Armi u Tkabbir: Il-Konsegwenzi Ekonomiċi tal-Bini tad-Difiża), Frar 2025.

[9] Ethan Ilzetki, Guns and Growth: The Economic Consequences of Defense buildups (Armi u Tkabbir: Il-Konsegwenzi Ekonomiċi tal-Bini tad-Difiża), Frar 2025.

Or. en

Emenda 74

Engin Eroglu, Marjan Šarec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Ifakkar li l-kooperazzjoni msaħħa tista' twassal biex isir gwadann enormi sa 30 % fl-effiċjenza tal-infiq annwali għad-difiża madwar l-UE, li jammonta għal mill-anqas EUR 57 biljun fis-sena u jagħti spinta sinifikanti lill-effettività tal-infiq attwali fid-difiża; jissottolinja l-vantaġġi usa' għall-kompetittività, għar-reżiljenza u għas-sovranità strateġika tal-UE, u dawn jippromettu opportunitajiet ta' impjiegi sinifikanti, żvilupp ekonomiku u tmexxija teknoloġika madwar l-UE kollha[9];	2. Ifakkar li l-kooperazzjoni msaħħa tista' twassal biex isir gwadann enormi sa 30 % fl-effiċjenza tal-infiq annwali għad-difiża madwar l-UE, li jammonta għal mill-anqas EUR 57 biljun fis-sena u jagħti spinta sinifikanti lill-effettività tal-infiq attwali fid-difiża; jissottolinja l-vantaġġi usa' għall-kompetittività, għar-reżiljenza u għas-sovranità strateġika tal-UE, u dawn jippromettu opportunitajiet ta' impjiegi sinifikanti, żvilupp ekonomiku u tmexxija teknoloġika madwar l-UE kollha[9]; ***jenfasizza li suq uniku Ewropew veru għad-difiża huwa kruċjali għat-trawwim tal-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej mhux biss fl-UE, iżda anke fis-suq dinji fejn ikollhom jikkompetu, fost l-oħrajn, mal-kumpaniji ewlenin tal-Istati Uniti;***
[9] Ethan Ilzetki, Guns and Growth: The Economic Consequences of Defense buildups (Armi u Tkabbir: Il-Konsegwenzi Ekonomiċi tal-Bini tad-Difiża), Frar 2025.	[9] Ethan Ilzetki, Guns and Growth: The Economic Consequences of Defense buildups (Armi u Tkabbir: Il-Konsegwenzi Ekonomiċi tal-Bini tad-Difiża), Frar 2025.

Or. en

Emenda 75
Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Ifakkar li l-kooperazzjoni msaħħa tista' twassal ***biex isir*** gwadann ***enormi*** sa 30 % fl-effiċjenza tal-infiq annwali għad-difiża madwar l-UE, li jammonta għal mill-anqas EUR 57 biljun fis-sena u jagħti	2. Ifakkar li l-kooperazzjoni msaħħa tista' twassal ***għal tishiħ sinifikanti*** fl-effiċjenza***, fejn ir-rekwiżiti konġunti huma allinjati b'mod ġenwin, u dan iwassal għal*** gwadann sa 30 % tal-infiq annwali

spinta sinifikanti lill-effettività tal-infiq attwali fid-difiża; jissottolinja l-vantaġġi usa' għall-kompetittività***,*** għar-reżiljenza ***u għas-sovranità strateġika*** tal-UE, u dawn jippromettu opportunitajiet ta' impjiegi sinifikanti, żvilupp ekonomiku u tmexxija teknoloġika madwar l-UE kollha[9];	għad-difiża madwar l-UE, li jammonta għal mill-anqas EUR 57 biljun fis-sena u jagħti spinta sinifikanti lill-effettività tal-infiq attwali fid-difiża; jissottolinja l-vantaġġi usa' għall-kompetittività ***u*** għar-reżiljenza tal-UE, u dawn jippromettu opportunitajiet ta' impjiegi sinifikanti, żvilupp ekonomiku u tmexxija teknoloġika madwar l-UE kollha[9];
[9] Ethan Ilzetki, Guns and Growth: The Economic Consequences of Defense buildups (Armi u Tkabbir: Il-Konsegwenzi Ekonomiċi tal-Bini tad-Difiża), Frar 2025.	[9] Ethan Ilzetki, Guns and Growth: The Economic Consequences of Defense buildups (Armi u Tkabbir: Il-Konsegwenzi Ekonomiċi tal-Bini tad-Difiża), Frar 2025.
	Or. en

Emenda 76
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Ifakkar li l-kooperazzjoni msaħħa tista' twassal biex isir gwadann enormi ***sa 30 %*** fl-effiċjenza tal-infiq annwali għad-difiża madwar l-UE***, li jammonta għal mill-anqas EUR 57 biljun fis-sena*** u ***jagħti*** spinta sinifikanti lill-effettività tal-infiq attwali fid-difiża; jissottolinja l-vantaġġi usa' għall-kompetittività, għar-reżiljenza u għas-sovranità strateġika tal-UE, u dawn jippromettu opportunitajiet ta' impjiegi sinifikanti, żvilupp ekonomiku u tmexxija teknoloġika madwar l-UE kollha[9];	2. Ifakkar li l-kooperazzjoni msaħħa tista' twassal biex isir gwadann enormi fl-effiċjenza tal-infiq annwali għad-difiża madwar l-UE u ***tagħti*** spinta sinifikanti lill-effettività tal-infiq attwali fid-difiża; jissottolinja l-vantaġġi usa' għall-kompetittività, għar-reżiljenza u għas-sovranità strateġika tal-UE, u dawn jippromettu opportunitajiet ta' impjiegi sinifikanti, żvilupp ekonomiku u tmexxija teknoloġika madwar l-UE kollha[9];
[9] Ethan Ilzetki, Guns and Growth: The Economic Consequences of Defense buildups (Armi u Tkabbir: Il-Konsegwenzi Ekonomiċi tal-Bini tad-Difiża), Frar 2025.	[9] Ethan Ilzetki, Guns and Growth: The Economic Consequences of Defense buildups (Armi u Tkabbir: Il-Konsegwenzi Ekonomiċi tal-Bini tad-Difiża), Frar 2025.
	Or. en

Emenda 77
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Ifakkar li l-kooperazzjoni msaħħa tista' twassal biex isir gwadann enormi sa 30 % fl-effiċjenza tal-infiq annwali għad-difiża madwar l-UE, li jammonta għal mill-anqas EUR 57 biljun fis-sena u jagħti spinta sinifikanti lill-effettività tal-infiq attwali fid-difiża; jissottolinja l-vantaġġi usa' għall-kompetittività, għar-reżiljenza u għas-sovranità strateġika tal-UE, u dawn jippromettu opportunitajiet ta' impjiegi sinifikanti, żvilupp ekonomiku u tmexxija teknoloġika madwar l-UE kollha[9];	2. Ifakkar li l-kooperazzjoni msaħħa tista' twassal ***għal interoperabbiltà mtejba kif ukoll*** biex isir gwadann enormi sa 30 % fl-effiċjenza tal-infiq annwali għad-difiża madwar l-UE, li jammonta għal mill-anqas EUR 57 biljun fis-sena u jagħti spinta sinifikanti lill-effettività tal-infiq attwali fid-difiża; jissottolinja l-vantaġġi usa' għall-kompetittività, għar-reżiljenza u għas-sovranità strateġika tal-UE, u dawn jippromettu opportunitajiet ta' impjiegi sinifikanti, żvilupp ekonomiku u tmexxija teknoloġika madwar l-UE kollha[9];
[9] Ethan Ilzetki, Guns and Growth: The Economic Consequences of Defense buildups (Armi u Tkabbir: Il-Konsegwenzi Ekonomiċi tal-Bini tad-Difiża), Frar 2025.	[9] Ethan Ilzetki, Guns and Growth: The Economic Consequences of Defense buildups (Armi u Tkabbir: Il-Konsegwenzi Ekonomiċi tal-Bini tad-Difiża), Frar 2025.

Or. en

Emenda 78
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Ifakkar li l-kooperazzjoni msaħħa tista' twassal biex ***isir gwadann enormi sa 30 % fl-effiċjenza tal-infiq annwali għad-difiża madwar l-UE, li jammonta għal mill-anqas EUR 57 biljun fis-sena u jagħti spinta sinifikanti lill-effettività tal-infiq attwali*** fid-difiża; jissottolinja ***l-***	2. Ifakkar li l-kooperazzjoni msaħħa tista' twassal biex ***tissaħħaħ l-effiċjenza u l-komplementarjetà tal-investimenti*** fid-difiża***, b'mod partikolari permezz ta' ppjanar konġunt aħjar u l-akkomunament volontarju ta' ċerti programmi, mingħajr ma jiġu mxekkla l-***

vantaġġi usa' għall-kompetittività, għar-reżiljenza u għas-sovranità strateġika tal-UE, ***u dawn jippromettu opportunitajiet ta' impjiegi sinifikanti, żvilupp ekonomiku u tmexxija teknoloġika*** madwar ***l-UE kollha***[9] ;

prerogattivi nazzjonali fi kwistjonijiet tas-sigurtà u tad-difiża; jissottolinja ***li dawn is-sinerġiji jistgħu wkoll jikkontribwixxu għall-kompetittività***, għar-reżiljenza u għas-sovranità strateġika tal-UE, ***filwaqt li jappoġġjaw l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-iżvilupp industrijali*** madwar ***il-kontinent kollu***;

---

[9] Ethan Ilzetki, Guns and Growth: The Economic Consequences of Defense buildups (Armi u Tkabbir: Il-Konsegwenzi Ekonomiċi tal-Bini tad-Difiża), Frar 2025.

Or. fr

Emenda 79
Angelika Niebler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jirrikonoxxi li l-Unjoni Ewropea stabbiliet għaliha nnifisha wkoll l-objettiv tal-akkwist ta' mill-anqas nofs it-tagħmir tad-difiża tagħha mill-produzzjoni Ewropea sal-2030; huwa tal-opinjoni li dan jirrikjedi mhux biss kooperazzjoni strateġika u koordinazzjoni konġunta aktar mill-qrib, iżda wkoll il-promozzjoni konsistenti tal-interoperabbiltà bejn il-forzi armati permezz tal-istandards Ewropej;

Or. en

Emenda 80
Nikola Bartůšek, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li huwa biss suq uniku veru għall-prodotti tad-difiża li jista' jipprovdi l-mezzi meħtieġa biex verament tiġi stabbilita u miżmuma Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) kompetittiva u reżiljenti ta' skala; jissottolinja li suq uniku veru għall-prodotti tad-difiża huwa essenzjali biex jingħalqu l-lakuni fil-kapaċità u biex tiġi stabbilita mill-ġdid id-deterrenza u huwa għalhekk pedament meħtieġ ta' Unjoni b'saħħitha, sovrana u kompetittiva;	***imħassar***

Or. en

Emenda 81
Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li huwa biss suq ***uniku veru*** għall-prodotti tad-difiża li jista' jipprovdi l-mezzi meħtieġa biex ***verament*** tiġi stabbilita u ***miżmuma*** Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) kompetittiva ***u reżiljenti*** ta' skala; ***jissottolinja li*** suq ***uniku veru għall-prodotti tad-difiża huwa essenzjali biex jingħalqu l-lakuni*** fil-kapaċità u ***biex tiġi stabbilita mill-ġdid id-deterrenza u huwa għalhekk pedament meħtieġ ta' Unjoni*** b'saħħitha***, sovrana u kompetittiva***;	3. Jisħaq li huwa biss suq ***Ewropew aktar interoperabbli, effiċjenti u kompetittiv*** għall-prodotti tad-difiża***, ibbażat fuq kooperazzjoni miftuħa u ġusta fost l-Istati Membri sovrani,*** li jista' jipprovdi l-mezzi meħtieġa biex tiġi stabbilita u ***sostnuta*** Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) ***reżiljenti u*** kompetittiva ta' skala; ***jinnota li tali*** suq ***jista' jkollu rwol importanti fl-għeluq tal-lakuni*** fil-kapaċità u ***t-tisħiħ tad-deterrenza, u jikkostitwixxi fattur li jikkontribwixxi għal Ewropa sigura u*** b'saħħitha***, dment li jirrispetta bis-sħiħ il-libertà tal-Istati Membri li jagħżlu l-forniturі tagħhom u jippreżerva d-dritt li jiġi invokat l-Artikolu 346 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fi kwistjonijiet ta' interess vitali għas-sigurtà***;

Or. en

Emenda 82
Judita Laššáková

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li huwa biss suq uniku veru għall-prodotti tad-difiża li jista' jipprovdi l-mezzi meħtieġa biex verament tiġi stabbilita u miżmuma Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) kompetittiva u reżiljenti ta' skala; jissottolinja li suq uniku veru għall-prodotti tad-difiża huwa essenzjali biex jingħalqu l-lakuni fil-kapaċità u biex tiġi stabbilita mill-ġdid id-deterrenza u huwa għalhekk pedament meħtieġ ta' Unjoni b'saħħitha, sovrana u kompetittiva;	3. Jisħaq li huwa biss suq uniku veru għall-prodotti tad-difiża li jista' jipprovdi l-mezzi meħtieġa biex verament tiġi stabbilita u miżmuma Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) kompetittiva u reżiljenti ta' skala; jissottolinja li suq uniku veru għall-prodotti tad-difiża huwa essenzjali biex jingħalqu l-lakuni fil-kapaċità u biex tiġi stabbilita mill-ġdid id-deterrenza u huwa għalhekk pedament meħtieġ ta' Unjoni b'saħħitha, sovrana u kompetittiva; ***jissottolinja li kwalunkwe sforz biex jinbena suq uniku għall-prodotti tad-difiża jrid jiffoka fuq it-tneħħija tal-ostakli prattiċi, industrijali u regolatorji, mhux biss fuq l-istabbiliment ta' forzi armati komuni, li jibqgħu l-prerogattiva tal-Istati Membri;***

Or. en

Emenda 83
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li huwa biss suq ***uniku veru għall-prodotti*** tad-difiża li jista' jipprovdi l-mezzi meħtieġa biex verament tiġi stabbilita u miżmuma Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) kompetittiva u reżiljenti ***ta' skala;***	3. Jisħaq li huwa biss suq ***intergovernattiv*** tad-difiża***, ibbażat fuq kooperazzjoni volontarja u koordinata*** li jista' jipprovdi Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) kompetittiva u reżiljenti ***u jista' jiġi***

jissottolinja li suq uniku veru għall-prodotti tad-difiża huwa essenzjali biex jingħalqu l-lakuni fil-kapaċità u biex tiġi stabbilita mill-ġdid id-deterrenza u huwa għalhekk pedament meħtieġ ta' Unjoni b'saħħitha, sovrana u kompetittiva;	***żviluppat permezz ta' proġetti konġunti u programmi ta' inċentivi***;

Or. fr

Emenda 84
Engin Eroglu, Marjan Šarec, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li huwa biss suq uniku veru għall-prodotti tad-difiża li jista' jipprovdi l-mezzi meħtieġa biex verament tiġi stabbilita u miżmuma Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) kompetittiva u reżiljenti ta' skala; jissottolinja li suq uniku veru għall-prodotti tad-difiża huwa essenzjali biex jingħalqu l-lakuni fil-kapaċità ***u*** biex tiġi stabbilita mill-ġdid id-deterrenza u huwa għalhekk pedament meħtieġ ta' Unjoni b'saħħitha, sovrana u kompetittiva;	3. Jisħaq li huwa biss suq uniku veru għall-prodotti tad-difiża li jista' jipprovdi l-mezzi meħtieġa biex verament tiġi stabbilita u miżmuma Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) kompetittiva u reżiljenti ta' skala; jissottolinja li suq uniku veru għall-prodotti tad-difiża huwa essenzjali biex jingħalqu l-lakuni fil-kapaċità***,*** biex tiġi stabbilita mill-ġdid id-deterrenza***, tiġi promossa l-innovazzjoni teknoloġika, u tingħata spinta lill-kompetittività ekonomika tal-UE,*** u huwa għalhekk pedament meħtieġ ta' Unjoni b'saħħitha, sovrana u kompetittiva;

Or. en

Emenda 85
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li ***huwa biss*** suq uniku ***veru*** għall-prodotti tad-difiża ***li*** jista' jipprovdi l-	3. Jisħaq li suq uniku ***li jiffunzjona bis-sħiħ*** għall-prodotti tad-difiża jista'

mezzi meħtieġa biex verament tiġi stabbilita u miżmuma Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) kompetittiva u reżiljenti ***ta' skala***; jissottolinja li suq uniku veru għall-prodotti tad-difiża huwa essenzjali biex jingħalqu l-lakuni fil-kapaċità u ***biex*** tiġi stabbilita mill-ġdid id-deterrenza u huwa għalhekk pedament meħtieġ ta' Unjoni b'saħħitha, sovrana u kompetittiva;	jipprovdi l-mezzi meħtieġa biex verament tiġi stabbilita u miżmuma Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) kompetittiva u reżiljenti***, li kapaċi twassal tagħmir fil-ħin u*** skala; jissottolinja li suq uniku veru għall-prodotti tad-difiża huwa essenzjali ***tissaħħaħ il-produzzjoni industrijali,*** jingħalqu l-lakuni fil-kapaċità u tiġi stabbilita mill-ġdid id-deterrenza u huwa għalhekk pedament meħtieġ ta' Unjoni b'saħħitha, sovrana u kompetittiva;

Or. en

Emenda 86
Pierre-Romain Thionnet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li ***huwa*** biss ***suq uniku veru*** għall-prodotti tad-difiża li ***jista' jipprovdi*** l-mezzi meħtieġa biex verament tiġi stabbilita u miżmuma Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) kompetittiva u reżiljenti ta' skala; jissottolinja li ***suq uniku veru*** għall-prodotti tad-difiża ***huwa*** essenzjali biex jingħalqu l-lakuni fil-kapaċità u biex tiġi stabbilita mill-ġdid id-deterrenza u ***huwa*** għalhekk pedament meħtieġ ta' Unjoni b'saħħitha, sovrana u kompetittiva;	3. Jisħaq li ***hija*** biss ***preferenza Ewropea eżiġenti*** għall-prodotti tad-difiża li ***tista' tipprovdi*** l-mezzi meħtieġa biex verament tiġi stabbilita u miżmuma Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) kompetittiva u reżiljenti ta' skala; jissottolinja li ***preferenza Ewropea*** għall-prodotti tad-difiża ***hija*** essenzjali biex jingħalqu l-lakuni fil-kapaċità u biex tiġi stabbilita mill-ġdid id-deterrenza u ***hija*** għalhekk pedament meħtieġ ta' Unjoni b'saħħitha, sovrana u kompetittiva;

Or. en

Emenda 87
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li huwa biss suq uniku veru ***għall-prodotti tad-difiża*** li jista' jipprovdi l-mezzi meħtieġa biex verament tiġi stabbilita u miżmuma Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) kompetittiva u reżiljenti ta' skala; jissottolinja li suq uniku veru ***għall-prodotti tad-difiża*** huwa essenzjali biex jingħalqu l-lakuni fil-kapaċità u biex tiġi stabbilita mill-ġdid id-deterrenza u huwa għalhekk pedament meħtieġ ta' Unjoni b'saħħitha, sovrana u kompetittiva;	3. Jisħaq li huwa biss suq uniku veru ***għad-difiża*** li jista' jipprovdi l-mezzi meħtieġa biex verament tiġi stabbilita u miżmuma Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) kompetittiva u reżiljenti ta' skala; jissottolinja li suq uniku veru ***għad-difiża*** huwa essenzjali biex jingħalqu l-lakuni fil-kapaċità u biex tiġi stabbilita mill-ġdid id-deterrenza u huwa għalhekk pedament meħtieġ ta' Unjoni b'saħħitha, sovrana u kompetittiva;

Or. en

Emenda 88
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jissottolinja li l-oqsma prijoritarji immedjati tal-UE jinkludu: id-difiża tal-ajru u kontra l-missili, l-artillerija, il-missili u l-munizzjoni, is-sistemi tal-ajru u tal-art mingħajr ekwipaġġ, il-kapaċitajiet kontra d-droni; gwerer elettroniċi u attakki ċibernetiċi avvanzati u teknoloġiji abilitanti strateġiċi, bħall-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji kwantistiċi u s-semikondutturi; jistieden lill-Kummissjoni, u lill-BEI, jiddedikaw miżuri ta' finanzjament immirat, R&Ż u ta' akkwist għal dawn l-oqsma ta' kapaċitajiet biex jiġu żgurati r-reżiljenza industrijali u l-awtonomija strateġika;

Or. en

Emenda 89
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jistabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea ("EDIP") u b'mod partikolari, l-Istruttura għall-Programm Ewropew tal-Armamenti ("SEAP") bħala qafas ta' governanza għall-proġetti konġunti u ta' kooperazzjoni standardizzati bejn l-Istati Membri; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tagħmel id-dipendenza mill-SEAPs aktar attraenti għall-Istati Membri permezz ta' regoli ta' delega u ta' organizzazzjoni flessibbli;

Or. en

Emenda 90
Angelika Niebler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jenfasizza li t-theddida attwali għas-sigurtà tirrikjedi li nimplimentaw b'mod konsistenti proċeduri ta' permessi u ta' ċertifikazzjoni komuni għal faċilitajiet ġodda tal-produzzjoni u liċenzji tal-esportazzjoni għat-tagħmir militari;

Or. en

Emenda 91
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaġixxu malajr biex joħolqu suq uniku veru għad-difiża, filwaqt li jaġixxu kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda; ifakkar li l-aggregazzjoni tad-domanda permezz tal-akkwist u tal-ġestjoni komuni matul iċ-ċiklu tal-ħajja, is-simplifikazzjoni regolatorja, u l-integrazzjoni industrijali transfruntiera fil-livell tal-UE huma meħtieġa b'mod urġenti biex jiġu indirizzati tali ostakli u biex titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE, kif deskritt fir-rapporti ta' Letta u ta' Draghi;	4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaġixxu malajr biex joħolqu suq uniku veru għad-difiża, filwaqt li jaġixxu kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda***, u biex "jinvestu aktar, aħjar, flimkien, u fl-Ewropa", kif stabbilit fl-objettiv tal-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsarrfu dak l-objettiv f'sinjali tad-domanda aggregati prevedibbli għall-prodotti Ewropej, sabiex tinħoloq iċ-ċertezza fl-investiment meħtieġa biex tiġi estiża l-EDTIB***; ifakkar li l-aggregazzjoni tad-domanda permezz tal-akkwist u tal-ġestjoni komuni matul iċ-ċiklu tal-ħajja, is-simplifikazzjoni regolatorja, u l-integrazzjoni industrijali transfruntiera fil-livell tal-UE huma meħtieġa b'mod urġenti biex jiġu indirizzati tali ostakli u biex titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE, kif deskritt fir-rapporti ta' Letta u ta' Draghi;

Or. en

Emenda 92
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaġixxu malajr biex joħolqu suq ***uniku*** veru għad-difiża, filwaqt li jaġixxu kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda; ifakkar li l-aggregazzjoni tad-domanda ***permezz tal-akkwist u tal-ġestjoni komuni matul iċ-ċiklu tal-ħajja, is-simplifikazzjoni regolatorja, u l-integrazzjoni industrijali transfruntiera fil-livell tal-UE huma meħtieġa b'mod urġenti biex jiġu***	4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaġixxu malajr biex joħolqu suq ***intergovernattiv*** veru għad-difiża, filwaqt li jaġixxu kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda***; jissottolinja li dan l-objettiv irid jibbaża fuq mekkaniżmi flessibbli u volontarji bejn l-Istati Membri, milli fuq l-istabbiliment ta' suq uniku ċentralizzat, sabiex jiġu rrispettati l-kompetenzi nazzjonali u d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli***

indirizzati tali ostakli u biex titnaqqas id-dipendenza ***fuq pajjiżi*** mhux tal-UE, kif ***deskritt*** fir-rapporti ta' Letta u ta' Draghi;	***4 tat-TUE u 346 tat-TFUE***; ifakkar li l-aggregazzjoni ***volontarja*** tad-domanda, ***is-simplifikazzjoni regolatorja u koordinazzjoni industrijali transfruntiera aħjar diġà jistgħu jikkontribwixxu b'mod effiċjenti biex jingħelbu l-ostakli eżistenti*** u biex titnaqqas id-dipendenza ***fir-rigward tal-pajjiżi*** mhux tal-UE, kif ***issottolinjat*** fir-rapporti ta' Letta u ta' Draghi;
	Or. fr

Emenda 93
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaġixxu malajr biex joħolqu suq uniku ***veru*** għad-difiża, ***filwaqt li jaġixxu*** kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda; ifakkar li l-aggregazzjoni tad-domanda permezz tal-akkwist u tal-ġestjoni komuni matul iċ-ċiklu tal-ħajja, is-simplifikazzjoni regolatorja, u l-integrazzjoni industrijali transfruntiera fil-livell tal-UE huma meħtieġa b'mod urġenti biex jiġu indirizzati tali ostakli u biex titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE, kif deskritt fir-rapporti ta' Letta u ta' Draghi;	4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaġixxu malajr biex joħolqu suq uniku ***li jiffunzjona bis-sħiħ*** għad-difiża, kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda; ifakkar li l-aggregazzjoni tad-domanda permezz tal-akkwist u tal-ġestjoni komuni matul iċ-ċiklu tal-ħajja, is-simplifikazzjoni regolatorja, u l-integrazzjoni industrijali transfruntiera fil-livell tal-UE huma meħtieġa b'mod urġenti biex jiġu indirizzati tali ostakli u biex titnaqqas ***gradwalment*** id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE, kif deskritt fir-rapporti ta' Letta u ta' Draghi; ***jisħaq, madankollu, li l-aggregazzjoni tad-domanda ma għandhiex twassal għall-konsolidazzjoni tas-suq, iżda għandha tiżgura distribuzzjoni ġusta tal-benefiċċji u tal-opportunitajiet industrijali madwar l-UE;***
	Or. en

Emenda 94
Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaġixxu malajr biex joħolqu ***suq uniku veru għad-difiża, filwaqt li jaġixxu kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda***; ifakkar ***li l-aggregazzjoni tad-domanda permezz tal-akkwist u tal-ġestjoni komuni matul iċ-ċiklu tal-ħajja, is-simplifikazzjoni regolatorja, u l-integrazzjoni industrijali transfruntiera fil-livell tal-UE huma meħtieġa b'mod urġenti biex jiġu indirizzati tali ostakli*** u ***biex*** titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE, kif deskritt fir-rapporti ta' Letta u ta' Draghi;	4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaġixxu malajr biex joħolqu ***preferenza Ewropea ġenwina fis-suq tad-difiża***; ifakkar ***fl-urġenza li jiġu ssimplifikati r-regolamenti tal-UE sabiex jitneħħew l-ostakli regolatorji u amministrattivi*** u titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE, kif deskritt fir-rapporti ta' Letta u ta' Draghi;

Or. en

Emenda 95
Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaġixxu malajr biex ***joħolqu suq uniku veru għad-difiża, filwaqt li jaġixxu*** kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda; ifakkar li l-aggregazzjoni tad-domanda permezz tal-akkwist u tal-ġestjoni ***komuni*** matul iċ-ċiklu tal-ħajja, is-simplifikazzjoni regolatorja, u ***l-integrazzjoni industrijali transfruntiera fil-livell tal-UE huma meħtieġa b'mod urġenti*** biex jiġu indirizzati tali ostakli u biex titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE***, kif deskritt fir-rapporti ta' Letta u ta' Draghi***;	4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaġixxu malajr biex ***ineħħu l-ostakli regolatorji u proċedurali li jfixklu l-kooperazzjoni transfruntiera u jippromwovu koordinazzjoni aħjar tal-akkwist u l-ippjanar fil-qasam tad-difiża fost l-Istati Membri li għandhom ir-rieda jagħmlu dan, biex b'hekk jittejbu l-effiċjenza u l-iskala*** kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda; ifakkar li l-aggregazzjoni tad-domanda permezz tal-akkwist ***komuni*** u tal-ġestjoni matul iċ-ċiklu tal-ħajja, is-simplifikazzjoni regolatorja, u ***l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista Ewropej ikunu***

importanti biex jiġu indirizzati tali ostakli u biex titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE;

Or. en

Emenda 96
Nikola Bartůšek, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri ***u lill-Kummissjoni jaġixxu malajr*** biex joħolqu ***suq uniku veru*** għad-difiża, ***filwaqt li jaġixxu kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda; ifakkar li l-aggregazzjoni tad-domanda permezz tal-akkwist u tal-ġestjoni komuni matul iċ-ċiklu tal-ħajja, is-simplifikazzjoni regolatorja, u l-integrazzjoni industrijali transfruntiera fil-livell tal-UE huma meħtieġa b'mod urġenti biex jiġu indirizzati tali ostakli u biex*** titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE, kif deskritt fir-rapporti ta' Letta u ta' Draghi;	4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri ***jagħmlu sforzi biex isaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża*** biex joħolqu ***sistema ta' preferenza Ewropea*** għad-difiża, ***ibbażata fuq il-koordinazzjoni volontarja ta' programmi u t-tneħħija tal-ostakli regolatorji, bil-għan li*** titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE ***f'setturi kritiċi u teknoloġiċi***, kif deskritt fir-rapporti ta' Letta u ta' Draghi;

Or. en

Emenda 97
Judita Laššáková

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaġixxu ***malajr biex joħolqu suq uniku veru*** għad-difiża, filwaqt li ***jaġixxu kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda;***	4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaġixxu ***b'mod prammatiku biex itejbu l-funzjonament tas-suq intern*** għad-difiża, filwaqt li ***jfakkar li d-deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-ippjanar***

ifakkar li l-aggregazzjoni tad-domanda permezz tal-akkwist u tal-ġestjoni komuni matul iċ-ċiklu tal-ħajja, is-simplifikazzjoni regolatorja, u l-integrazzjoni industrijali transfruntiera fil-livell tal-UE huma meħtieġa b'mod urġenti biex jiġu indirizzati tali ostakli u biex titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE, kif deskritt fir-rapporti ta' Letta u ta' Draghi;	***tad-difiża, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet u l-kooperazzjoni militari jibqgħu kompetenzi nazzjonali; jitlob mekkaniżmi ta' koordinazzjoni intergovernattivi msaħħa aktar milli awtoritajiet sovranazzjonali ġodda f'dan il-qasam***;

Or. en

Emenda 98
Engin Eroglu, Marjan Šarec, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaġixxu malajr biex joħolqu suq uniku veru għad-difiża, filwaqt li jaġixxu kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda; ifakkar li l-aggregazzjoni tad-domanda permezz tal-akkwist u tal-ġestjoni komuni matul iċ-ċiklu tal-ħajja, is-simplifikazzjoni regolatorja, u l-integrazzjoni industrijali transfruntiera fil-livell tal-UE huma meħtieġa b'mod urġenti biex jiġu indirizzati tali ostakli u biex titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE, kif deskritt fir-rapporti ta' Letta u ta' Draghi;	4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaġixxu malajr biex joħolqu suq uniku veru għad-difiża ***sa Ġunju 2026***, filwaqt li jaġixxu kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda; ifakkar li l-aggregazzjoni tad-domanda permezz tal-akkwist u tal-ġestjoni komuni matul iċ-ċiklu tal-ħajja, is-simplifikazzjoni regolatorja, u l-integrazzjoni industrijali transfruntiera fil-livell tal-UE huma meħtieġa b'mod urġenti biex jiġu indirizzati tali ostakli u biex titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE, kif deskritt fir-rapporti ta' Letta u ta' Draghi;

Or. en

Emenda 99
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jissottolinja li l-prinċipju ta' gwida fil-bini ta' suq uniku għad-difiża li jiffunzjona bis-sħiħ jeħtieġ li jiżgura opportunitajiet indaqs għall-atturi Ewropej kollha; jenfasizza li l-EDTIB tikkonsisti minn atturi diversi ħafna, kemm jekk ivvalutati f'termini ta' daqs, ta' livell ta' involviment jew ta' kompetittività fis-suq globali; ifakkar li l-orjentazzjoni fil-kuntest ġeopolitiku kkumplikat attwali tirrikjedi li jsir użu mir-riżorsi u l-kapaċitajiet kollha disponibbli, b'iffukar fuq it-tisħiħ industrijali rapidu għal terminu qasir, ir-rikostituzzjoni tal-istokks, u l-iżgurar tad-disponibbiltà tat-tagħmir tad-difiża f'domanda kritika, b'viżjoni fit-tul għall-iżgurar tal-kompetittività u tar-reżiljenza tal-EDTIB; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw livell xieraq ta' flessibbiltà fil-proposti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li jmiss bil-għan li jiġi żviluppat is-suq intern għall-prodotti tas-sigurtà u tad-difiża, li jkun ta' benefiċċju għall-atturi Ewropej kollha;
	Or. en

Emenda 100
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2025 li jitolbu rapport annwali dwar il-prontezza industrijali tad-difiża tal-UE, u jitlob li dan jiġi kkomplementat minn "Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku għad-Difiża", ippubblikata mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-EDA; jisħaq li din it-tabella ta' valutazzjoni għandha ssegwi

	indikaturi bħas-sehem tal-akkwist fil-qasam tad-difiża mwettaq b'mod konġunt permezz ta' kompetizzjoni miftuħa fl-UE kollha, livelli ta' kooperazzjoni industrijali transfruntiera, rati ta' parteċipazzjoni tal-SMEs, u tnaqqis fid-duplikazzjoni tas-sistema; jissottolinja li għandha tikseb ukoll il-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-programmi tad-difiża tal-UE madwar l-Istati Membri u r-reġjuni, inklużi l-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp industrijali, sabiex jiġi ggwidat l-irfinar politiku u tissaħħaħ il-fiduċja pubblika;

Or. en

Emenda 101
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-ostakli għal suq ***uniku*** għad-difiża	L-ostakli għal suq ***intergovernattiv*** għad-difiża

Or. fr

Emenda 102
Adam Bielan, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-ostakli għal suq ***uniku*** għad-difiża	L-ostakli għal suq ***Ewropew effiċjenti*** għad-difiża

Or. en

Emenda 103
Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża ***twassal għal duplikazzjonijiet u*** ineffiċjenzi ***mhux meħtieġa u xxekkel it-tisħiħ tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist*** u ***tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji*** Ewropej***; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju*** industrijali ***tad-difiża tal-UE***;	5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali ***Ewropew*** tad-difiża ***tirrifletti s-sovranità nazzjonali fuq il-politika ta' sigurtà u ta' difiża skont l-Artikolu 4(2) tat-TUE; jinnota, madankollu, li l-frammentazzjoni u r-regolamenti li jikkoinċidu jistgħu jiġġeneraw*** ineffiċjenzi u ***jillimitaw l-ekonomiji*** ta' skala ***potenzjali fl-akkwist*** u ***fil-produzzjoni,*** u ***b'hekk iżidu l-kostijiet tal-armament mill-ġdid fl-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jesploraw il-modi kollha possibbli fit-Trattati attwali biex jippromwovu l-kooperazzjoni volontarja, jgħaqqdu d-domanda, u jtejbu l-koordinazzjoni fost il-kumpaniji*** Ewropej ***sabiex isaħħu l-kapaċità u l-interoperabbiltà*** industrijali***, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-prerogattivi tal-Istat Membri għall-ippjanar u l-prontezza tad-difiża***; ***jiżguraw il-konsistenza mal-ippjanar tan-NATO u jevitaw id-duplikazzjoni mhux meħtieġa fil-qafas tagħha, filwaqt li jevitaw soluzzjonijiet b'approċċ "kulħadd f'keffa waħda" li jsaħħu l-monopolji u joħolqu żvantaġġ għall-SMEs u għall-intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja;***

Or. en

Emenda 104
Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa u ***xxekkel it-tisħiħ*** tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju industrijali tad-difiża tal-UE;	5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal ***xi kultant*** għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa u ***li jistgħu jxekklu t-tisħiħ*** tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju industrijali tad-difiża tal-UE; ***jirrikonoxxi li mhux id-duplikazzjoni kollha hija intrinsikament ħażina, peress li kull suq jeħtieġ il-kompetizzjoni u l-inċentivi għall-innovazzjoni, l-effiċjenza u l-produttività u li xi duplikazzjoni hija ta' benefiċċju wkoll għall-kredibbiltà militari operazzjonali tal-Unjoni, peress li tiggarantixxi l-kapaċitajiet u s-sovranità tal-Istati Membri;***
	Or. en

Emenda 105
Bart Groothuis, Petras Auštrevičius, Marjan Šarec, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa u xxekkel it-tisħiħ tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju industrijali tad-difiża tal-UE;	5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa u xxekkel it-tisħiħ tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju industrijali tad-difiża tal-UE ***u ta' għarfien akbar dwar l-ostakli għas-suq***

uniku għad-difiża*; *jappella għall-ħolqien ta' Osservatorju tas-Suq Uniku għad-Difiża li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jirrapportaw ostakli, jiġbru evidenza, u jimmonitorjaw il-konformità fost l-Istati Membri bil-għan li jsarrfu dawn is-sejbiet f'azzjoni konkreta;

Or. en

Emenda 106
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa u xxekkel it-tisħiħ tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju industrijali tad-difiża tal-UE;	5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa u xxekkel it-tisħiħ tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji Ewropej ***u fil-kumpaniji minn pajjiżi alleati***; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju industrijali tad-difiża tal-UE; ***jenfasizza kemm huwa importanti li jitwettqu investimenti u akkwist konġunt sabiex jiġu sfruttati ekonomiji ta' skala potenzjali, u li l-investimenti ma jgħollux il-prezz tat-tagħmir tad-difiża fl-Ewropa;***

Or. sv

Emenda 107
Engin Eroglu, Marjan Šarec, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa u xxekkel it-tisħiħ tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju industrijali tad-difiża tal-UE;	5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa u xxekkel it-tisħiħ tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment***, in-nuqqas ta' xiri bil-massa fuq diversi snin, liġijiet restrittivi dwar il-kompetizzjoni li jipprevjenu l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, u l-eżistenza ta' firxa wiesgħa ta' sistemi tal-armi diverġenti li jiksru l-prinċipju tal-istandardizzazzjoni***, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju industrijali tad-difiża tal-UE;

Or. en

Emenda 108
Nikola Bartůšek, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa u xxekkel it-tisħiħ tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju industrijali tad-difiża ***tal-UE***;	5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal ***id-diversità tal-kapaċitajiet nazzjonali*** għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa u xxekkel it-tisħiħ tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju industrijali tad-difiża ***tal-Ewropa***;

jirrikonoxxi li ċerti duplikazzjonijiet mhumiex biss inevitabbli iżda jistgħu jkunu wkoll ta' benefiċċju, għas-sovranità u għall-kapaċitajiet inerenti tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 109
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa u xxekkel it-tisħiħ tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju industrijali tad-difiża tal-UE;	5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa u xxekkel it-tisħiħ tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju industrijali tad-difiża tal-UE ***kif ukoll li jiġu sfruttati l-produzzjoni u l-potenzjal għall-iżvilupp tal-entitajiet Ewropej kollha involuti fil-produzzjoni fil-qasam tad-difiża, aktar milli sempliċement dawk individwali***;

Or. en

Emenda 110
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa ***u xxekkel*** it-tisħiħ ***tal-prontezza għad-difiża***; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw ***mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża*** fil-kumpaniji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni ***fix-xenarju industrijali tad-difiża tal-UE***;	5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal għal ***dipendenzi estern,*** duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa***,*** it-tisħiħ ***tal-EDTIB u l-prontezza tad-difiża Ewropea***; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw ***mill-produzzjoni ppjanata u koordinata*** fil-kumpaniji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni ***u li tiġi żviluppata EDTIB reżiljenti u kompetittiva***;
	Or. en

Emenda 111
Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa ***u xxekkel*** it-tisħiħ tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju industrijali tad-difiża tal-UE;	5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża ***u tal-liġi tal-UE dwar il-kompetizzjoni*** twassal għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa u xxekkel it-tisħiħ tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju industrijali tad-difiża tal-UE;
	Or. en

Emenda 112
Eszter Lakos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa ***u xxekkel*** it-tisħiħ tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju industrijali tad-difiża tal-UE;	5. Jissottolinja li l-istruttura attwali tax-xenarju industrijali tad-difiża twassal għal duplikazzjonijiet u ineffiċjenzi mhux meħtieġa ***u xxekkel*** it-tisħiħ tal-prontezza għad-difiża; jissottolinja li, flimkien mas-sottoinvestiment, din il-frammentazzjoni tipprevjeni r-realizzazzjoni tal-ekonomiji ta' skala li jistgħu jirriżultaw mill-akkomunament tal-akkwist u tal-produzzjoni tat-tagħmir tad-difiża fil-kumpaniji Ewropej ***u fl-Istati Membri***; jenfasizza l-ħtieġa vitali li tingħeleb il-frammentazzjoni fix-xenarju industrijali tad-difiża tal-UE;

Or. en

Emenda 113
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***5a. Jenfasizza li l-ostakli fil-kapaċitajiet tal-ħżin u l-permessi għall-bini relatati jimminaw l-espansjoni tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu proċeduri tal-għoti ta' permessi aċċelerati, issimplifikati u koordinati, inklużi eżenzjonijiet urġenti għall-investimenti strateġiċi fil-prontezza tad-difiża;**

Or. en

Emenda 114
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jenfasizza l-importanza ta' regolament restrittiv u armonizzat ta' investiment dirett barrani, speċjalment fir-rigward ta' investiment fis-settur tad-difiża;

Or. sv

Emenda 115
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jinnota li hemm riskju li mudell industrijali tad-difiża ċentralizzat ħafna jista' jnaqqas id-distribuzzjoni ġeografika tal-kapaċità tal-produzzjoni fl-Unjoni; jisħaq li ż-żamma ta' preżenza industrijali anke fl-Istati Membri periferali tikkontribwixxi għar-reżiljenza u l-prontezza fl-era tal-kriżijiet;

Or. en

Emenda 116
Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar*** tal-kapaċitajiet ***ikkoordinat u nfiq fuq prodotti*** tad-difiża ***madwar l-Unjoni***, li rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà	6. ***Jinnota li l-ippjanar*** tal-kapaċitajiet ***huwa primarjament imwettaq permezz tal-Proċess tal-Ippjanar*** tad-Difiża ***tan-NATO (NDPP), li jiżgura l-***

diverġenti, li ħolqu inċertezza legali u spiss wasslu lill-Istati Membri ***biex jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE; jiddeplora l-fatt li l-prijoritajiet*** nazzjonali ***spiss jieħdu preċedenza fuq il-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni***;

interoperabbiltà u l-kondiviżjoni tal-pożijiet fost l-Alleati; jiddeplora l-allinjament limitat bejn l-istrumenti tal-UE u l-proċessi tan-NATO, li rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti, li ħolqu inċertezza legali u spiss wasslu lill-Istati Membri biex ***iġorru l-piż ta' din il-politika; jemmen li koordinazzjoni industrijali u tal-akkwisti aħjar bejn il-prijoritajiet*** nazzjonali ***fl-UE tista' ssaħħaħ l-Alleanza u l-koerenza mal-ippjanar tan-NATO, filwaqt li tirrikonoxxi l-validità tal-għażliet tas-sigurtà leġittimi tal-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 117
Engin Eroglu, Marjan Šarec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ikkoordinat u nfiq fuq prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni, li rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti, li ħolqu inċertezza legali u spiss wasslu lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE; jiddeplora l-fatt li l-prijoritajiet nazzjonali spiss jieħdu preċedenza fuq il-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni;	6. Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ikkoordinat u nfiq fuq prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni, li rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti ***u nfiq ineffiċjenti ta' fondi allokati għad-difiża u għar-riarmament***, li ħolqu inċertezza legali u spiss wasslu lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE; jiddeplora l-fatt li l-prijoritajiet nazzjonali spiss jieħdu preċedenza fuq il-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni; ***jinnota li dan huwa parzjalment minħabba l-istruttura simili għall-oligopolija tal-industrija tad-difiża li hija organizzata madwar l-Istati Membri bħala l-klijenti primarji; iħeġġeġ il-promozzjoni tal-prinċipji tas-suq ħieles u l-kompetizzjoni ħielsa biex dawn l-istrutturi jiġu mfixkla u jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni Ewropea u l-integrazzjoni tas-suq tad-difiża;***

Or. en

Emenda 118
Bart Groothuis, Petras Auštrevičius, Marjan Šarec, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ikkoordinat u nfiq fuq prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni, li rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti, li ħolqu inċertezza legali u spiss wasslu lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE; jiddeplora l-fatt li l-prijoritajiet nazzjonali spiss jieħdu preċedenza fuq il-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni;	6. Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ikkoordinat u nfiq fuq prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni, li rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti, li ħolqu inċertezza legali u spiss wasslu lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE; jiddeplora l-fatt li l-prijoritajiet nazzjonali spiss jieħdu preċedenza fuq il-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni ***li tipprevjeni konsolidazzjoni ġenwina fl-industrija Ewropea tad-difiża***; ***jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-integrazzjoni industrijali fost il-kuntratturi tad-difiża Ewropej ewlenin biex tiġi stimulata l-kooperazzjoni fl-Unjoni;***

Or. en

Emenda 119
Nicolás Pascual de la Parte, Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ikkoordinat u nfiq fuq prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni, li rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti, li ħolqu inċertezza legali u spiss wasslu lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali ma'	6. Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ikkoordinat u nfiq fuq prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni, li rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti, li ħolqu inċertezza legali u spiss wasslu lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali ma'

pajjiżi mhux tal-UE; jiddeplora l-fatt li l-prijoritajiet nazzjonali spiss jieħdu preċedenza fuq il-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni;	pajjiżi mhux tal-UE; jiddeplora l-fatt li l-prijoritajiet nazzjonali spiss jieħdu preċedenza fuq il-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni; ***jitlob koordinazzjoni aktar mill-qrib permezz tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) biex jiġu allinjati ċ-ċikli nazzjonali tal-ippjanar, tiġi promossa t-trasparenza fl-akkwist u jiġi żgurat li r-riżorsi tal-UE jintużaw b'mod koerenti biex jissaħħu kapaċitajiet tad-difiża kollettivi;***
	Or. en

Emenda 120
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ikkoordinat u nfiq fuq prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni, li rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti, li ħolqu inċertezza legali u spiss wasslu lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE; jiddeplora l-fatt li l-prijoritajiet nazzjonali spiss jieħdu preċedenza fuq il-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni;	6. Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ikkoordinat u nfiq fuq prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni, li rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti, li ħolqu inċertezza legali u spiss wasslu lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE; jiddeplora l-fatt li l-prijoritajiet nazzjonali spiss jieħdu preċedenza fuq il-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni; ***jinnota li d-dewmien fl-għoti ta' permessi jikkonċerna mhux biss lill-faċilitajiet tal-produzzjoni iżda anke lill-infrastruttura tal-ħżin u tal-loġistika, u dan jirrestrinġi l-kapaċità reali tal-produzzjoni;***
	Or. en

Emenda 121
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ikkoordinat u nfiq fuq prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni, li rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti, li ħolqu inċertezza legali u spiss wasslu lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE; ***jiddeplora l-fatt li l-prijoritajiet nazzjonali spiss jieħdu preċedenza fuq il-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni***;	6. Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ikkoordinat u nfiq fuq prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni, li rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti, li ħolqu inċertezza legali u spiss wasslu lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE; ***jappella għal kooperazzjoni msaħħa fl-Unjoni f'dan il-qasam, iżda jisħaq li s-sovranità nazzjonali trid tibqa' tiġi rrispettata u tingħata prijorità f'dan ir-rigward ukoll***;

Or. sv

Emenda 122
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ikkoordinat u nfiq fuq prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni, li rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti, li ħolqu inċertezza legali u spiss wasslu lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE; ***jiddeplora l-fatt li l-prijoritajiet nazzjonali spiss jieħdu preċedenza fuq il-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni;***	6. Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ikkoordinat u nfiq fuq prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni, li rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti, li ħolqu inċertezza legali u spiss wasslu lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE;

Or. en

Emenda 123
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ikkoordinat u nfiq fuq prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni, li rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti, li ħolqu inċertezza legali u spiss wasslu lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE; jiddeplora l-fatt li l-prijoritajiet nazzjonali spiss jieħdu preċedenza fuq il-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni;	6. Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ikkoordinat u nfiq fuq prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni, li rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti, li ħolqu inċertezza legali u spiss wasslu lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE; jiddeplora l-fatt li l-prijoritajiet nazzjonali spiss jieħdu preċedenza fuq il-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni ***minħabba nuqqas ta' koordinazzjoni ta' inċentivi suffiċjenti***;

Or. fr

Emenda 124
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ikkoordinat u nfiq fuq prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni, li ***rriżulta f'regoli u fi kriterji ta' eliġibbiltà diverġenti, li ħolqu inċertezza legali u*** spiss wasslu lill-Istati Membri biex ***jagħtu prijorità lill-kooperazzjoni bilaterali ma'*** pajjiżi ***mhux tal-UE; jiddeplora l-fatt li l-prijoritajiet nazzjonali spiss jieħdu preċedenza fuq il-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni***;	6. Jiddeplora n-nuqqas ta' ppjanar tal-kapaċitajiet ikkoordinat u nfiq fuq prodotti tad-difiża madwar l-Unjoni, li spiss wasslu lill-Istati Membri biex ***jiddependu minn*** pajjiżi ***terzi għall-akkwist fil-qasam tad-difiża tagħhom, minflok ma jibbażaw fuq il-kapaċitajiet prodotti mill-kumpaniji tal-UE u disponibbli fl-UE***;

Or. en

Emenda 125
Tobias Cremer, José Cepeda, Raphaël Glucksmann, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jiddeplora n-nuqqas ta' fiduċja reċiproka persistenti fost l-Istati Membri li huwa rifless, fost l-oħrajn, f'nuqqas ta' rieda li jgħaqqdu u jikkonċentraw il-produzzjoni tal-armamenti f'ċentri reġjonali ta' kompetenza industrijali, fil-grad limitat tal-kooperazzjoni transfruntiera u l-ippjanar konġunt tal-kapaċitajiet, kif ukoll fil-livell insuffiċjenti tal-akkwisti intra-UE ta' oġġetti u servizzi relatati mad-difiża; jissottolinja li din is-sitwazzjoni toħloq ostaklu sinifikanti għall-iżvilupp ta' suq uniku ġenwin għad-difiża u għall-funzjonament xieraq tal-ktajjen tal-provvista fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 126
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jisħaq fuq il-ħtieġa imperattiva li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-katina tal-provvista tad-difiża Ewropea u li jitnaqqsu l-punti uniċi ta' falliment; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu inċentivi biex jistabbilixxu fornituri kkwalifikati multipli għall-prodotti u t-teknoloġiji kritiċi tad-difiża, inkluż l-appoġġ għal parteċipanti fis-suq u SMEs ġodda, sabiex l-Ewropa ma tkun dipendenti mill-ebda sors partikolari ; jistieden ukoll lill-Kummissjoni timmonitorja r-riskji tal-katina tal-provvista u tidentifika oqsma ta' konċentrazzjoni perikoluża, filwaqt li tirrapporta b'mod regolari dwar il-progress fid-diversifikazzjoni tal-

provvista;

Or. en

Emenda 127
Engin Eroglu, Marjan Šarec, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; jesprimi tħassib li s-suq uniku għad-difiża għadu mminat mill-applikazzjoni mhux armonizzata biżżejjed tar-regoli tiegħu mill-Istati Membri u mill-użu sproporzjonat tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 346 tat-TFUE, u dan ixxekkel l-ispinta lejn akkwist konġunt fil-qasam tad-difiża tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża**,** bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;	7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; jesprimi tħassib li s-suq uniku għad-difiża għadu mminat mill-applikazzjoni mhux armonizzata biżżejjed tar-regoli tiegħu mill-Istati Membri***, b'nuqqas ta' fiduċja fost il-partijiet ikkonċernati,*** u mill-użu sproporzjonat tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 346 tat-TFUE, u dan ixxekkel l-ispinta lejn akkwist konġunt fil-qasam tad-difiża tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża***, pereżempju bl-iffaċilitar tal-aċċess għall-kapital, l-abolizzjoni tal-ostakli burokratiċi u s-simplifikazzjoni tal-kriterji tal-eliġibbiltà,*** bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni; ***jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tistabbilixxi ekwivalent Ewropew għad-DARPA Amerikana sabiex tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni teknoloġika u tad-difiża u jiġi intensifikat l-iskambju bejn l-akkademja, min ifassal il-politika, il-gruppi ta' riflessjoni u l-industrija tad-difiża;***

Or. en

Emenda 128
Nikola Bartůšek, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; jesprimi thassib li s-suq uniku għad-difiża għadu mminat mill-applikazzjoni mhux armonizzata biżżejjed tar-regoli tiegħu mill-Istati*** Membri u ***mill-użu sproporzjonat tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 346 tat-TFUE, u dan ixxekkel l-ispinta lejn akkwist konġunt*** fil-qasam tad-difiża ***tal-UE***; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ ***iddedikat*** għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex ***jiġi ffaċilitat l-involviment*** tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża***, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji*** industrijali ***li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni***;	7. ***Jisħaq li l-Artikolu 346 tat-TFUE, jikkostitwixxi salvagwardja essenzjali għall-preżervazzjoni tal-interessi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati*** Membri u ***għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-akkwist*** fil-qasam tad-difiża ***tagħhom***; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ ***speċifiku*** għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex ***tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni*** tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża ***u tissaħħaħ ir-robustezza*** industrijali ***tal-Ewropa mingħajr ma tiġi mminata s-sovranità nazzjonali***;

Or. en

Emenda 129
Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-	7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-

qasam tal-iżvilupp tad-droni***; jesprimi thassib li s-suq uniku għad-difiża għadu mminat mill-applikazzjoni mhux armonizzata biżżejjed tar-regoli tiegħu mill-Istati Membri u mill-użu sproporzjonat tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 346 tat-TFUE, u dan ixxekkel l-ispinta lejn akkwist konġunt fil-qasam tad-difiża tal-UE***; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;	qasam tal-iżvilupp tad-droni; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 130
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni***; jesprimi thassib li s-suq uniku għad-difiża għadu mminat mill-applikazzjoni mhux armonizzata biżżejjed tar-regoli tiegħu mill-Istati Membri u mill-użu sproporzjonat tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 346 tat-TFUE, u dan ixxekkel l-ispinta lejn akkwist konġunt fil-qasam tad-difiża tal-UE***; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-	7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;

ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 131
György Hölvényi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni***; jesprimi tħassib li s-suq uniku għad-difiża għadu mminat mill-applikazzjoni mhux armonizzata biżżejjed tar-regoli tiegħu mill-Istati Membri u mill-użu sproporzjonat tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 346 tat-TFUE, u dan ixxekkel l-ispinta lejn akkwist konġunt fil-qasam tad-difiża tal-UE***; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;	7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 132
Mārtiņš Staķis
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; jesprimi tħassib li s-suq uniku għad-difiża għadu mminat mill-applikazzjoni mhux armonizzata biżżejjed tar-regoli tiegħu mill-Istati Membri u mill-użu sproporzjonat tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 346 tat-TFUE, u dan ixxekkel l-ispinta lejn akkwist konġunt fil-qasam tad-difiża tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;	7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; jesprimi tħassib li s-suq uniku għad-difiża għadu mminat mill-applikazzjoni mhux armonizzata biżżejjed tar-regoli tiegħu mill-Istati Membri u mill-użu sproporzjonat tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 346 tat-TFUE, u dan ixxekkel l-ispinta lejn akkwist konġunt fil-qasam tad-difiża tal-UE; ***jinnota li filwaqt li l-SMEs jammontaw għal aktar minn 40 % tal-entitajiet fil-proposti tal-Fond Ewropew għad-Difiża magħżula, dawn jirċievu inqas minn 20 % tal-finanzjament totali u*** jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża ***u tiġi żgurata allokazzjoni aktar ġusta tal-finanzjament tal-UE għall-SMEs flimkien maż-żieda fil-parteċipazzjoni tagħhom***, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 133
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti	7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti

b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; jesprimi tħassib li s-suq uniku għad-difiża għadu mminat mill-applikazzjoni mhux armonizzata biżżejjed tar-regoli tiegħu mill-Istati Membri u mill-użu sproporzjonat tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 346 tat-TFUE, u dan ixxekkel l-ispinta lejn akkwist konġunt fil-qasam tad-difiża tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;

b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; jesprimi tħassib li s-suq uniku għad-difiża għadu mminat mill-applikazzjoni mhux armonizzata biżżejjed tar-regoli tiegħu mill-Istati Membri u mill-użu ***(ħażin)*** sproporzjonat tal-eżenzjoni ***dwar "interessi tas-sigurtà essenzjali"*** prevista fl-Artikolu 346 tat-TFUE, u dan ixxekkel l-ispinta lejn akkwist konġunt fil-qasam tad-difiża tal-UE***; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' bidla lejn approċċ tas-salvagwardja tal-interessi tas-sigurtà essenzjali tal-Unjoni minħabba s-sitwazzjoni ġeopolitika attwali u t-theddid għall-għaqda tagħna***; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 134
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; jesprimi tħassib li s-suq uniku għad-difiża għadu mminat mill-applikazzjoni mhux armonizzata biżżejjed tar-regoli tiegħu mill-Istati Membri u mill-użu sproporzjonat tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 346 tat-TFUE, u dan ixxekkel l-ispinta lejn akkwist konġunt fil-qasam tad-	7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; jesprimi tħassib li s-suq uniku għad-difiża għadu mminat mill-applikazzjoni mhux armonizzata biżżejjed tar-regoli tiegħu mill-Istati Membri u mill-użu sproporzjonat tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 346 tat-TFUE, u dan ixxekkel l-ispinta lejn akkwist konġunt fil-qasam tad-

difiża tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;

difiża tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni; ***jisħaq li l-insegwiment tal-kosteffiċjenza ma jridx jimmina s-sigurtà nazzjonali tal-provvista; ifakkar li n-networks tal-produzzjoni diversifikati u distribwiti reġjonalment jistgħu jsaħħu r-reżiljenza fi żminijiet ta' kriżi;***

Or. en

Emenda 135
Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; ***jesprimi tħassib*** li ***s-suq uniku għad-difiża għadu mminat mill-applikazzjoni mhux armonizzata biżżejjed tar-regoli tiegħu mill-Istati*** Membri ***u mill-użu sproporzjonat tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu*** 346 tat-TFUE***, u dan ixxekkel l-ispinta lejn akkwist konġunt fil-qasam tad-difiża tal-UE***; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-	7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; ***jisħaq*** li ***l-kapaċità tal-produzzjoni u tal-użu tad-droni malajr u b'mod effettiv saret fattur deċiżiv għall-gwerer u d-deterrenza moderni, u li d-dewmien fil-proċessi ta' għoti tal-permessi u tal-akkwisti huwa ta' detriment għall-prontezza tad-difiża Ewropea; jitlob proċeduri proporzjonati u marbuta biż-żmien għal kapaċitajiet b'ċiklu mgħaġġel u għall-preżervazzjoni tad-dritt tal-Istati*** Membri ***li jinvokaw l-Artikolu*** 346 tat-TFUE; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-

Unjoni;	ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 136
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; jesprimi tħassib li s-suq uniku għad-difiża għadu mminat mill-applikazzjoni mhux armonizzata biżżejjed tar-regoli tiegħu mill-Istati Membri ***u mill-użu sproporzjonat tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 346 tat-TFUE***, u dan ixxekkel l-ispinta lejn akkwist konġunt fil-qasam tad-difiża tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;	7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux kundizzjonijiet għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; jesprimi tħassib li s-suq uniku għad-difiża għadu mminat mill-applikazzjoni mhux armonizzata biżżejjed tar-regoli tiegħu mill-Istati Membri, u dan ixxekkel l-ispinta lejn akkwist konġunt fil-qasam tad-difiża tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 137
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux ***kundizzjonijiet għall-akkwist*** ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; ***jesprimi thassib li s-suq uniku għad-difiża għadu mminat mill-applikazzjoni mhux armonizzata biżżejjed tar-regoli tiegħu mill-Istati Membri u mill-użu sproporzjonat tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu*** 346 tat-TFUE***, u dan ixxekkel l-ispinta lejn akkwist konġunt fil-qasam tad-difiża tal-UE***; jenfasizza l-ħtieġa ***ta'*** appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;	7. Jemmen li l-oqfsa leġiżlattivi attwali tal-UE ma jipprovdux ***il-kundizzjonijiet meħtieġa*** għall-akkwist ta' oġġetti b'ċikli rapidi ta' innovazzjoni, bħal fil-qasam tal-iżvilupp tad-droni; ***jissottolinja madankollu li l-Artikolu*** 346 tat-TFUE ***jikkostitwixxi garanzija essenzjali tal-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà nazzjonali, u li l-applikazzjoni tiegħu trid tiġi ggwidata mill-espedjenza u l-proporzjonalità; huwa mħasseb dwar it-tentattivi tal-istabbiliment ta' suq uniku, billi tiġi segwita armonizzazzjoni wisq uniformi***; jenfasizza l-ħtieġa ***li jiġi pprovdut*** appoġġ iddedikat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja biex jiġi ffaċilitat l-involviment tagħhom fil-katina tal-provvista tal-industrija tad-difiża, bil-ħsieb li tiżdied l-innovazzjoni filwaqt li jinbnew sensji industrijali li jżidu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;
	Or. fr

Emenda 138
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq li l-ħolqien ta' suq uniku għad-difiża jrid jinkludi salvagwardji b'saħħithom għall-ħaddiema u d-dritt għan-negozjar kollettiv, speċjalment fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament EDIP; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-programmi industrijali kollha tad-difiża tal-UE jinkludu klawżoli tas-sikurezza soċjali li jirrikjedu r-rispett għad-drittijiet

fundamentali tal-ħaddiema, bħad-dritt li wieħed jingħaqad ma' union jew id-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, f'konformità mal-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol;

Or. en

Emenda 139
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni tadatta l-liġijiet tal-UE dwar il-kompetizzjoni biex tappoġġja aħjar il-ħtiġijiet uniċi tal-industrija tad-difiża u tesplora l-introduzzjoni ta' eżenzjoni ta' kategorija mmirata għall-proġetti tar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tad-difiża skont il-Fond Ewropew għad-Difiża; jenfasizza li s-sigurtà tal-provvista u t-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi għandhom jiġu ttrattati bħala kriterji pożittivi meta jiġu vvalutati fużjonijiet jew miżuri ta' għajnuna fis-settur tad-difiża;

Or. en

Emenda 140
Urmas Paet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jenfasizza li l-ħolqien ta' suq uniku għad-difiża jrid jiggarantixxi parteċipazzjoni ekwa għall-industriji u l-atturi tar-riċerka mill-Istati Membri

kollha, inkluż ekonomiji iżgħar u start-ups; jissottolinja li miżuri speċifiċi għandhom jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera tal-SMEs, b'mod partikolari f'teknoloġiċi ċibernetiċi, tal-IA, mingħajr ekwipaġġ u b'użu doppju, li jibnu fuq iċ-ċentri tal-eċċellenza eżistenti fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 141
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jirrimarka li l-qafas regolatorju REACH jista' jostakola mingħajr intenzjoni d-disponibbiltà tal-materji kritiċi għall-ktajjen tal-provvista tad-difiża u jitlob mekkaniżmu armonizzat ta' eżenzjoni tad-difiża fl-UE kollha applikabbli kemm għall-utenti finali kif ukoll għall-forniturі industrijali;

Or. en

Emenda 142
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jistabbilixxu inizjattiva Ewropea ta' "Aċċeleratur tal-Innovazzjoni fid-Difiża" analoga għall-mudelli ta' kunċett bħad-DARPA tal-Istati Uniti jew id-DIANA tan-NATO, li jiffinanzjaw proġetti tar-riċerka fil-qasam

tad-difiża b'riskju għoli u ta' gwadann kbir u jipprovdu mogħdijiet rapidi għall-ittestjar u l-integrazzjoni ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji fil-programmi tal-kapaċitajiet tad-difiża Ewropej;

Or. en

Emenda 143
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jisħaq li l-oqfsa ta' investiment ibbażati fuq l-ESG iridu jevitaw restrizzjonijiet stretti wisq fuq il-finanzjament tal-kumpaniji tad-difiża u b'mod speċjali fuq l-SMEs li jiffaċċjaw sfidi biex jiksbu finanzjament fi stadju bikri; jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi b'mod espliċitu l-istrumenti tad-difiża bħala li jikkontribwixxu għall-objettivi tas-sigurtà, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà;

Or. en

Emenda 144
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jipproponu strateġiċi ta' ħiliet speċifiċi għas-settur, bħall-programmi tat-taħriġ u l-opportunitajiet għat-tagħlim tul il-ħajja biex jimlew diskrepanzi fil-ħiliet attwali u futuri fl-industrija tad-difiża;

Or. en

Emenda 145
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jitlob aktar żvilupp u użu reġjonali taċ-Ċentru ta' Innovazzjoni fid-Difiża (HEDI) fl-EDA, bil-ħsieb li jiġi estiż ir-rwol tiegħu bħala pjattaforma ċentrali li tgħaqqad l-SMEs, l-istart-ups, iċ-ċentri tar-riċerka u l-kuntratturi prinċipali; jisħaq fuq l-importanza li jiġu stabbiliti inkubaturi tat-teknoloġija tad-difiża reġjonali taħt l-umbrella tal-HEDI biex jiġu appoġġjati konsorzji transfruntiera tal-SMEs, tiġi pprovduta l-konsulenza esperta għall-orjentazzjoni fl-akkwisti fil-qasam tad-difiża u jiġu ffaċilitati l-ittestjar u l-validazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi f'kollaborazzjoni mal-utenti finali militari;

Or. en

Emenda 146
Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7d. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li sa issa l-Kummissjoni naqset milli tiżgura interpretazzjoni restrittiva tal-Artikolu 346 tat-TFUE, u b'hekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu użu sproporzjonat tal-eżenzjoni li mminat l-iżvilupp tas-Suq Uniku għad-Difiża; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ soluzzjonijiet

konkreti, każ b'każ, biex tindirizza l-użu eċċessiv tal-Artikolu 346 tat-TFUE, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u mar-realtà attwali ta' arkitettura tas-sigurtà interdipendenti fl-UE;

Or. en

Emenda 147
Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iqis li n-nuqqas ta' sistema armonizzata ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-UE jkompli jiġġenera ostakli għall-funzjonament ta' suq ***uniku*** għad-difiża permezz tal-impatt tiegħu fuq trasferimenti intra-UE; ifakkar li l-produzzjoni fil-qasam tad-difiża llum tiddependi ħafna fuq il-ktajjen tal-provvista transfruntiera integrati, b'komponenti miksuba minn diversi Stati Membri, li, ***fil-każ ta' blokka ta' esportazzjoni, toħloq inċertezza għall-industrija u għall-ktajjen tal-provvista***;	8. Iqis li n-nuqqas ta' sistema armonizzata ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-UE jkompli jiġġenera ostakli għall-funzjonament ta' suq ***Ewropew*** għad-difiża ***effiċjenti għall-prodotti tad-difiża*** permezz tal-impatt tiegħu fuq trasferimenti intra-UE; ifakkar li l-produzzjoni fil-qasam tad-difiża llum tiddependi ħafna fuq il-ktajjen tal-provvista transfruntiera integrati, b'komponenti miksuba minn diversi Stati Membri ***u pajjiżi mhux tal-UE***, li, ***u dan iżid l-esponiment għal miżuri ta' koerċizzjoni potenzjali minn pajjiżi terzi, bħal fil-qasam tal-materja prima; jinnota li ċerti teknoloġiji kritiċi huma żviluppati minn ftit fornituri globali biss u li dawn jiswew wisq biex ma jiġux aggregati u koordinati lil hinn mil-livell tal-UE, inkluż fl-oqfsa tan-NATO***;

Or. en

Emenda 148
Engin Eroglu, Marjan Šarec, Bart Groothuis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iqis li n-nuqqas ta’ sistema armonizzata ta’ kontroll tal-esportazzjoni tal-UE jkompli jiġġenera ostakli għall-funzjonament ta’ suq uniku għad-difiża permezz tal-impatt tiegħu fuq trasferimenti intra-UE; ifakkar li l-produzzjoni fil-qasam tad-difiża llum tiddependi ħafna fuq il-ktajjen tal-provvista transfruntiera integrati, b’komponenti miksuba minn diversi Stati Membri, li, fil-każ ta’ blokka ta’ esportazzjoni, toħloq inċertezza għall-industrija u għall-ktajjen tal-provvista;	8. Iqis li n-nuqqas ta’ sistema armonizzata ta’ kontroll tal-esportazzjoni tal-UE jkompli jiġġenera ostakli għall-funzjonament ta’ suq uniku għad-difiża permezz tal-impatt tiegħu fuq trasferimenti intra-UE; ifakkar li l-produzzjoni fil-qasam tad-difiża llum tiddependi ħafna fuq il-ktajjen tal-provvista transfruntiera integrati, b’komponenti miksuba minn diversi Stati Membri, li, fil-każ ta’ blokka ta’ esportazzjoni, toħloq inċertezza għall-industrija u għall-ktajjen tal-provvista; ***jissuġġerixxi, bħala punti tat-tluq possibbli għal armonizzazzjoni fis-sistemi ta’ kontroll tal-esportazzjoni, l-estensjoni tal-liċenzji ġenerali ta’ trasferiment jew l-użu tat-trattat ta’ Aachen, u t-tishiħ tad-Direttiva dwar l-ICT biex jiġu ffaċilitati t-trasferimenti intra-EU tal-prodotti relatati mad-difiża;***

Or. en

Emenda 149
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iqis li n-nuqqas ta’ sistema armonizzata ta’ kontroll tal-esportazzjoni tal-UE jkompli jiġġenera ostakli għall-funzjonament ta’ suq uniku għad-difiża permezz tal-impatt tiegħu fuq trasferimenti intra-UE; ifakkar li l-produzzjoni fil-qasam tad-difiża llum tiddependi ħafna fuq il-ktajjen tal-provvista transfruntiera integrati, b’komponenti miksuba minn diversi Stati Membri, li, fil-każ ta’ blokka ta’ esportazzjoni, toħloq inċertezza għall-industrija u għall-ktajjen tal-provvista;	8. Iqis li n-nuqqas ta’ sistema armonizzata ta’ kontroll tal-esportazzjoni tal-UE jkompli jiġġenera ostakli għall-funzjonament ta’ suq uniku għad-difiża permezz tal-impatt tiegħu fuq trasferimenti intra-UE; ifakkar li l-produzzjoni fil-qasam tad-difiża llum tiddependi ħafna fuq il-ktajjen tal-provvista transfruntiera integrati, b’komponenti miksuba minn diversi Stati Membri ***u pajjiżi assoċjati***, li, fil-każ ta’ blokka ta’ esportazzjoni, toħloq inċertezza għall-industrija u għall-ktajjen tal-provvista; ***iħeġġeġ li jkun hemm soluzzjoni prattika li tinkludi wkoll ir-***

	realtà ta' katina tal-provvista parzjali barra mill-UE, anke minħabba l-importanza dejjem akbar tal-materja prima kritika fl-EDTIB;

Or. en

Emenda 150
Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iqis li ***n-nuqqas ta'*** sistema armonizzata ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-UE ***jkompli jiġġenera ostakli għall-funzjonament ta' suq uniku għad-difiża permezz tal-impatt tiegħu fuq trasferimenti intra-UE; ifakkar li l-produzzjoni fil-qasam tad-difiża llum tiddependi ħafna fuq il-ktajjen tal-provvista transfruntiera integrati, b'komponenti miksuba minn diversi Stati Membri, li, fil-każ ta' blokka ta' esportazzjoni, toħloq inċertezza għall-industrija u għall-ktajjen tal-provvista***;	8. Iqis li ***l-esportazzjoni tal-armamenti taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri u li*** sistema armonizzata ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-UE ***tfixkel l-implimentazzjoni tal-politiki esteri u ta' sigurtà tagħhom, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Artikoli 24(2) tat-TUE u 346(1)(b) tat-TFUE****;*

Or. en

Emenda 151
Nathalie Loiseau
11. ***Jistieden*** lill-Istati Membri japplikaw approċċ ta' "Ixtri Ewropew", li jagħti prijorità lill-akkwist komuni u liż-żieda fil-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża mill-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), l-Ukrajna, iż-Żona Ekonomika Ewropea/l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (ŻEE/EFTA) u, fit-tieni livell qrib li jmiss, ma' pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni tkun ***iffirmat Shubija għas-Sigurtà u d-Difiża***, peress li tiżgura lill-EDTIB volum ta' ordnijiet prevedibbli, tixpruna l-investiment privat fir-riċerka u l-iżvilupp għall-prodotti tad-difiża, u tgħin lill-EDTIB tipprovdi prodotti innovattivi tad-difiża f'volumi suffiċjenti;	11. ***Jinnota li l-limitazzjonijiet attwali fil-kapaċità tal-manifattura tal-industrija tad-difiża Ewropea u jħeġġeġ*** lill-Istati Membri japplikaw approċċ ta' "Ixtri Ewropew", li jagħti prijorità lill-akkwist komuni u liż-żieda fil-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża mill-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), l-Ukrajna, iż-Żona Ekonomika Ewropea/l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (ŻEE/EFTA) u, fit-tieni livell qrib li jmiss, ma' pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni tkun ***alleata***, peress li tiżgura lill-EDTIB volum ta' ordnijiet prevedibbli, tixpruna l-investiment privat fir-riċerka u l-iżvilupp għall-prodotti tad-difiża, u tgħin lill-EDTIB tipprovdi prodotti innovattivi tad-difiża f'volumi suffiċjenti;

Or. sv

Emenda 195
Urmas Paet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Istati Membri japplikaw ***approċċ ta' "Ixtri Ewropew", li***	11. Jistieden lill-Istati Membri japplikaw ***preferenza Ewropea fl-akkwist***

jagħti prijorità lill-akkwist komuni u liż-żieda fil-produzzjoni ***ta' prodotti tad-difiża mill-Bażi*** Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB)***, l-Ukrajna***, ***iż-Żona Ekonomika Ewropea/l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (ŻEE/EFTA)*** u***, fit-tieni livell qrib li jmiss, ma' pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni tkun iffirmat Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża, peress li tiżgura lill-EDTIB volum ta' ordnijiet prevedibbli, tixpruna l-investiment privat fir-riċerka u l-iżvilupp għall-prodotti tad-difiża, u tgħin lill-EDTIB tipprovdi prodotti*** innovattivi ***tad-difiża f'volumi suffiċjenti***;

fil-qasam tad-difiża, filwaqt li jagħtu prijorità lill-akkwist komuni u liż-żieda fil-produzzjoni ***fil-Bażi*** Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) ***u jibqgħu miftuħa għas-sħab fdati bħall-Ukrajna, il-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA*** u ***alleati tas-sigurtà mill-qrib; jisħaq li dan l-approċċ irid jibqa' kompatibbli bis-sħiħ mal-interoperabbiltà tan-NATO u jiżgura kompetizzjoni ġusta, filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe forma ta' protezzjoniżmu li tillimita l-aċċess għall-forniturи*** innovattivi ***minn Stati Membri iżgħar***;

Or. en

Emenda 196
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jissottolinja li bħalissa l-UE tinvesti biss madwar EUR 1 biljun fis-sena fir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) fil-qasam tad-difiża, filwaqt li l-maġġoranza tal-investiment jibqa' frammentat fil-livell nazzjonali; jisħaq li oqsma emerġenti u teknoloġikament kumplessi bħal sistemi mingħajr ekwipaġġ, kapaċitajiet ipersoniċi, armi b'enerġija diretta, intelliġenza artifiċjali relatata mad-difiża u s-sigurtà f'qiegħ il-baħar u tal-ispazju jirrikjedu azzjoni Ewropea koordinata u investiment konġunt biex tiġi evitata d-duplikazzjoni, tinkiseb l-iskala, u tinżamm il-kompetittività teknoloġika; jenfasizza li l-ebda Stat Membru wieħed ma jista' jiffinanzja, jiżviluppa jew isostni b'mod indipendenti l-kapaċitajiet u l-infrastrutturi kritiċi kollha meħtieġa biex jiġu żgurati l-awtonomija strateġika u r-rilevanza globali; jitlob għalhekk

finanzjament Ewropew miżjud, immirat aħjar u fit-tul għal inizjattivi komuni tar-R&Ż, inkluż permezz ta' programmi b'użu doppju u permezz ta' Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni biex jitrawmu l-kooperazzjoni industrijali, l-innovazzjoni teknoloġika u l-interoperabbiltà madwar l-Unjoni; jisħaq madankollu fuq l-importanza li tiġi żgurata distribuzzjoni ġeografikament ibbilanċjata tal-proġetti tal-EDPCI sabiex ir-reġjuni kollha, inklużi dawk tul il-fruntieri esterni tal-UE, ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-ekosistema tal-innovazzjoni tad-difiża tal-Ewropa, u jibbenefikaw minnha, u b'hekk jissaħħu l-koeżjoni, ir-reżiljenza u s-sigurtà kondiviża madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 197
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jenfasizza li l-approċċ ta "ixtri Ewropew" ma jridx ipoġġi lill-SMEs u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja innovattivi fi żvantaġġ; jissottolinja li l-istrutturar tal-akkwist għandu jippermetti parteċipazzjoni modulari u pakketti ta' ħidma parzjali biex tiġi evitata l-konċentrazzjoni tas-suq;

Or. en

Emenda 198
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jenfasizza li l-inizjattivi tal-akkwist konġunt għandhom jagħtu prijorità lill-oqsma fejn l-Istati Membri jikkondividu rekwiżiti operazzjonali simili u fejn l-iżvilupp kooperattiv iżid il-valur, aktar milli jiffukaw biss fuq prodotti lesti, kummerċjalment disponibbli;

Or. en

Emenda 199
György Hölvényi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala parti integrali mis-suq uniku għad-difiża kemm jista' jkun, filwaqt li jqisu l-fatt li l-futur tal-Ukrajna jinsab fl-UE u li jipprovdi benefiċċji kemm għall-EDTIB kif ukoll għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna;	***imħassar***

Or. en

Emenda 200
Nikola Bartůšek, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala parti integrali ***mis-suq uniku għad-difiża kemm jista' jkun, filwaqt li jqisu l-fatt li l-futur tal-Ukrajna jinsab fl-UE u li jipprovdi***	12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala parti integrali ***mis-sistema tal-preferenza Ewropea fis-suq tad-difiża***;

benefiċċji kemm għall-EDTIB kif ukoll għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna;

Or. en

Emenda 201
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala parti integrali mis-suq uniku għad-difiża kemm jista' jkun, filwaqt li jqisu l-fatt li l-futur tal-Ukrajna jinsab fl-UE u li jipprovdi benefiċċji kemm għall-EDTIB kif ukoll għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna;	12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala parti integrali mis-suq uniku għad-difiża kemm jista' jkun***, inkluż permezz tal-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna (USI) iddedikat fil-EDIP, biex tkun tista' ssir l-integrazzjoni progressiva tal-Ukrajna fil-ktajjen tal-provvista tal-EDTIB***, filwaqt li jqisu l-fatt li l-futur tal-Ukrajna jinsab fl-UE u li jipprovdi benefiċċji kemm għall-EDTIB kif ukoll għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna;

Or. en

Emenda 202
Nicolás Pascual de la Parte, Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala parti integrali mis-suq uniku għad-difiża kemm jista' jkun, filwaqt li jqisu l-fatt li l-futur tal-Ukrajna jinsab fl-UE u li jipprovdi benefiċċji kemm għall-EDTIB kif ukoll għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna;	12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala parti integrali mis-suq uniku għad-difiża kemm jista' jkun***, billi jiffaċilitaw is-sħubijiet industrijali, l-aċċess għall-mekkaniżmi tal-akkwist konġunt u l-parteċipazzjoni fil-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE***, filwaqt li jqisu l-fatt li l-futur tal-

Ukrajna jinsab fl-UE u li jipprovdi benefiċċji kemm għall-EDTIB kif ukoll għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna;

Or. en

Emenda 203
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala parti integrali mis-suq uniku għad-difiża kemm jista' jkun, filwaqt li jqisu l-fatt li l-futur ***tal-Ukrajna*** jinsab fl-UE u li jipprovdi benefiċċji kemm għall-EDTIB kif ukoll għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna;	12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala parti integrali mis-suq uniku għad-difiża kemm jista' jkun, filwaqt li jqisu l-fatt li ***bħalissa l-Ukrajna hija l-ewwel linja tad-difiża tagħna kontra r-Russja b'għarfien teknoloġiku ppruvat permezz ta' battalji u filwaqt li*** l-futur ***tagħha*** jinsab fl-UE u li jipprovdi benefiċċji kemm għall-EDTIB kif ukoll għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna;

Or. en

Emenda 204
Pekka Toveri, Hélder Sousa Silva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala parti integrali mis-suq uniku għad-difiża kemm jista' jkun, filwaqt li jqisu l-fatt li l-futur tal-Ukrajna jinsab fl-UE u li jipprovdi benefiċċji kemm għall-EDTIB kif ukoll għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna;	12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala parti integrali mis-suq uniku għad-difiża kemm jista' jkun, filwaqt li jqisu l-fatt li l-futur tal-Ukrajna jinsab fl-UE u li jipprovdi benefiċċji kemm għall-EDTIB kif ukoll għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna***, u għall-UE permezz***

tat-teknoloġiji tad-difiża avvanzati u l-kapaċitajiet industrijali innovattivi tal-Ukrajna;

Or. en

Emenda 205
Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala parti integrali mis-suq uniku għad-difiża kemm jista' jkun, filwaqt li jqisu l-fatt li l-futur tal-Ukrajna jinsab fl-UE u li jipprovdi benefiċċji kemm għall-EDTIB kif ukoll għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna;	12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala parti integrali mis-suq uniku għad-difiża kemm jista' jkun, filwaqt li jqisu l-fatt li l-futur tal-Ukrajna jinsab fl-UE u li jipprovdi benefiċċji kemm għall-EDTIB kif ukoll għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna***, dment li l-prodotti u l-istandards tal-Ukrajna jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa ta' sigurtà u kwalità***;

Or. en

Emenda 206
Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala parti integrali mis-suq uniku għad-difiża kemm jista' jkun, filwaqt li jqisu ***l-fatt li l-futur*** tal-Ukrajna ***jinsab fl-UE*** u li jipprovdi benefiċċji kemm għall-EDTIB kif ukoll għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna;	12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala parti integrali mis-suq uniku għad-difiża kemm jista' jkun, filwaqt li jqisu ***l-avvanzi teknoloġiċi u industrijali f'sistemi mingħajr ekwipaġġ u forom ġodda oħra ta' gwerer*** tal-Ukrajna***,*** u li jipprovdi benefiċċji kemm għall-EDTIB kif ukoll għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna;

Or. en

Emenda 207
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala ***parti integrali*** mis-suq ***uniku*** għad-difiża kemm jista' jkun, filwaqt li jqisu l-fatt li ***l-futur tal-Ukrajna jinsab fl-UE u li jipprovdi*** benefiċċji kemm għall-EDTIB kif ukoll għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna;	12. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jittrattaw lill-Ukrajna bħala ***sieħeb privileġġjat*** mis-suq ***intergovernattiv*** għad-difiża kemm jista' jkun, filwaqt li jqisu l-fatt li ***din is-sħubija tipprovdi*** benefiċċji kemm għall-EDTIB kif ukoll għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-Ukrajna;

Or. fr

Emenda 208
Nikola Bartůšek, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża; jistieden ukoll lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni għal interpretazzjoni tal-Artikolu 346 tat-TFUE f'konformità mar-realtà attwali ta' arkitettura tas-sigurtà interdipendenti fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 209
Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża; jistieden ukoll lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni għal interpretazzjoni tal-Artikolu 346 tat-TFUE f'konformità mar-realtà attwali ta' arkitettura tas-sigurtà interdipendenti fl-UE;*** jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati;	13. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati;

Or. en

Emenda 210
Bart Groothuis, Petras Auštrevičius, Marjan Šarec, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża; jistieden ukoll lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni għal interpretazzjoni tal-Artikolu 346 tat-TFUE f'konformità mar-	13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża***; jissottolinja li jekk Stat Membru jkun lesta proċedura Ewropea tal-akkwist fil-qasam tad-difiża jew tas-sigurtà, Stati***

realtà attwali ta' arkitettura tas-sigurtà interdipendenti fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati;	***Membri oħra għandhom ikunu jistgħu jerġgħu jużaw dan biex jiksbu l-istess provvisti, xogħlijiet jew servizzi mingħajr ma jirrepetu l-proċedura sħiħa, u dan jippermettilhom iwettqu akkwisti aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti***; jistieden ukoll lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni għal interpretazzjoni tal-Artikolu 346 tat-TFUE f'konformità mar-realtà attwali ta' arkitettura tas-sigurtà interdipendenti fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati;

Or. en

Emenda 211
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku ***fil-qasam*** tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva ***jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u*** jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża***;*** jistieden ***ukoll*** lill-Kummissjoni ***toħroġ rakkomandazzjoni għal interpretazzjoni*** tal-Artikolu 346 tat-TFUE ***f'konformità mar-realtà attwali ta' arkitettura tas-sigurtà interdipendenti fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw*** l-innovazzjoni, ***il-kompetizzjoni*** u l-investimenti ***kapitali*** privati;	13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku ***fl-oqsma*** tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva ***jeħtieġ li tkompli tiggarantixxi l-libertà sħiħa tal-Istati Membri biex iwettqu l-politiki tal-akkwist tagħhom u l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tad-difiża;*** jistieden lill-Kummissjoni ***tiżgura li kwalunkwe inizjattiva f'dan id-dominju tirrispetta strettament il-kamp ta' applikazzjoni*** tal-Artikolu 346 tat-TFUE***, li jipproteġi l-interessi essenzjali tas-sigurtà nazzjonali; jissottolinja li approċċ bilanċjat, imsejjes fuq il-fiduċja reċiproka u fuq ir-rikonoxximent tal-ispeċifiċitajiet industrijali u strateġiċi ta' kull Stat Membru, huwa l-aħjar perkors biex jitħeġġu*** l-innovazzjoni***, il-kooperazzjoni*** u l-investimenti privati ***fil-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea***;

Or. fr

Emenda 212
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża***;*** jistieden ukoll lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni għal interpretazzjoni tal-Artikolu 346 tat-TFUE ***f'konformità mar-realtà attwali ta' arkitettura*** tas-sigurtà ***interdipendenti fl-UE***; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati;	13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża***;*** jistieden ukoll lill-Kummissjoni***, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-EDA,*** toħroġ rakkomandazzjoni għal interpretazzjoni ***komuni*** tal-Artikolu 346 tat-TFUE***, u tippreżenta proposti għal regoli tat-trasferiment intra-EU koordinati u rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikazzjonijiet li jnaqqas l-inċertezza legali fl-Unjoni filwaqt li jissalvagwardjaw l-interessi*** tas-sigurtà ***leġittimi tal-Istati Membri***; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati;

Or. en

Emenda 213
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà	13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà

sensittiva jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża***;*** jistieden ukoll lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni għal interpretazzjoni tal-Artikolu 346 tat-TFUE f'konformità mar-realtà attwali ta' arkitettura tas-sigurtà interdipendenti fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati;	sensittiva jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża***;*** jistieden ukoll lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni għal interpretazzjoni tal-Artikolu 346 tat-TFUE f'konformità mar-realtà attwali ta' arkitettura tas-sigurtà interdipendenti fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati; ***jitlob żieda sostanzjali tal-livelli limitu skont id-Direttiva 2009/81/KE biex jiġu riflessi l-iskala u n-natura tal-akkwist fil-qasam tad-difiża, u b'hekk jittejbu l-effiċjenza u l-prontezza;***
	Or. en

Emenda 214
Alexandr Vondra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża***;*** jistieden ukoll lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni għal interpretazzjoni tal-Artikolu 346 tat-TFUE f'konformità mar-realtà attwali ta' arkitettura tas-sigurtà interdipendenti fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati;	13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża***;*** jistieden ukoll lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni għal interpretazzjoni tal-Artikolu 346 tat-TFUE f'konformità mar-realtà attwali ta' arkitettura tas-sigurtà interdipendenti fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati***, u jinkorporaw kriterji orjentati lejn il-prontezza li jagħtu prijorità lill-proġetti li jikkontribwixxu għar-reżiljenza industrijali strateġika u r-raggruppamenti ta' kapaċitajiet essenzjali***;

Or. en

Emenda 215
Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża; jistieden ukoll lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni għal interpretazzjoni tal-Artikolu 346 tat-TFUE f'konformità mar-realtà attwali ta' arkitettura tas-sigurtà interdipendenti fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati;	13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża; jistieden ukoll lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni għal interpretazzjoni tal-Artikolu 346 tat-TFUE f'konformità mar-realtà attwali ta' arkitettura tas-sigurtà interdipendenti fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati; ***iħeġġeġ ukoll li ssir reviżjoni fil-fond tad-Direttiva 2014/24/UE dwar l-akkwist pubbliku f'dak li jirrigwardja l-aspetti tad-difiża u tas-sigurtà;***

Or. en

Emenda 216
Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża***; jistieden***	13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża***; jisħaq li***

ukoll lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni għal interpretazzjoni tal-Artikolu 346 tat-TFUE ***f'konformità mar-realtà attwali ta' arkitettura*** tas-sigurtà ***interdipendenti fl-UE***; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati;	***kwalunkwe reviżjoni trid tippreżerva l-Artikolu*** 346 tat-TFUE ***bħala salvagwardja disponibbli bis-sħiħ għall-interessi essenzjali*** tas-sigurtà***; jopponi kwalunkwe tentattiv mill-Kummissjoni ta' interpretazzjonijiet li jnaqqsu d-diskrezzjoni tal-Istati Membri lil hinn it-Trattati***; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati;

Or. en

Emenda 217
György Hölvényi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża***; jistieden ukoll lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni għal interpretazzjoni tal-Artikolu*** 346 tat-TFUE ***f'konformità mar-realtà attwali ta' arkitettura tas-sigurtà interdipendenti fl-UE***; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati;	13. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva jeħtieġ li tittejjeb b'mod sinifikanti u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni ambizzjuża***; jissottolinja l-importanza li jiġi rrispettat l-Artikolu*** 346 tat-TFUE ***bħala dispożizzjoni ewlenija li tippreżerva l-prerogattivi nazzjonali tal-Istati Membri fid-difiża u s-sigurtà***; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn forom differenti ta' kuntratti li jistipulaw l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u l-investimenti kapitali privati;

Or. en

Emenda 218
Mārtiņš Staķis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jinnota li l-istrumenti tar-riċerka u tal-iżvilupp eżistenti tal-UE, inkluż il-Fond Ewropew għad-Difiża, l-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fid-Difiża (EUDIS) u ċ-Ċentru ta' Innovazzjoni fid-Difiża (HEDI), iħallu s-sjieda tar-riżultati għall-benefiċjarji u jagħtu lill-Kummissjoni drittijiet mhux relatati mal-produzzjoni biss; iqis li mudell tad-drittijiet bi stil ta' DARPA jew bi skop Ewropew, li skont il-proprjetà intellettwali żviluppata bil-fondi tal-UE jista' jiġi liċenzjat fuq bażi mhux esklużiva lil manifatturi tal-UE kkwalifikati addizzjonali, isaħħaħ ir-reżiljenza industrijali, jespandi l-kapaċità tal-produzzjoni u jappoġġja s-segwitu rapidu tal-manifattura fi kriżijiet;

Or. en

Emenda 219
Tobias Cremer, José Cepeda, Raphaël Glucksmann, Elio Di Rupo, Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi pprovdut appoġġ immirat, b'mod partikolari għall-ittestjar ta' prototipi ta' prodotti ġodda, u li tingħata prijorità lill-investiment f'teknoloġiji emerġenti u rivoluzzjonarji; jisħaq fuq il-valur miżjud ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati teknoloġiċi u tad-difiża tal-Ukrajna f'dawn l-oqsma innovattivi ħafna; jissottolinja l-importanza tas-salvagwardja tal-vijabbiltà finanzjarja tal-kumpaniji, inklużi l-SMEs, li jinvestu f'din l-innovazzjoni;

Or. en

Emenda 220
Alexandr Vondra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-istrumenti futuri ta' finanzjament tad-difiża tal-UE japplikaw ponderazzjoni pożittiva lil proġetti li jingranaw kapaċitajiet tal-manifattura eżistenti fl-Unjoni u jikkontribwixxu direttament għall-objettivi ta' prontezza; jenfasizza l-ħtieġa ta' kriterji trasparenti li jagħtu prijorità lill-investimenti f'assi ta' prontezza essenzjali u lit-teknoloġiji li jirfdu l-awtonomija strateġika;

Or. en

Emenda 221
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ gwida ċara dwar kif il-kunsiderazzjonijiet tad-Difiża u tas-Sigurtà għandhom jitqiesu f'deċiżjonijiet dwar il-kontroll tal-fużjonijiet li jaffettwaw l-EDTIB, filwaqt li tissalvagwardja l-kompetizzjoni fejn jeżistu alternattivi;

Or. en

Emenda 222

Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jinkoraġġixxi li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddiżaggregaw pakketti ta' akkwist meta jkun ikun xieraq, biex l-SMEs ikunu jistgħu jidħlu fil-ktajjen tal-provvista fuq termini ugwali;

Or. en

Emenda 223
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jappella għar-rieżami u s-simplifikazzjoni tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2009/81/KE, u biex dan jiġi sostitwit b'mekkaniżmi ta' parteċipazzjoni industrijali bbilanċjati li jappoġġjaw it-tisħiħ tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea;

Or. en

Emenda 224
Bart Groothuis, Petras Auštrevičius, Marjan Šarec, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u aboliti l-ostakli relatati mat-trasferimenti intra-UE, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-kriterji u taċ-	14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u aboliti l-ostakli relatati mat-trasferimenti intra-UE, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-kriterji u taċ-

ċertifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti b'mod urġenti biex tkompli tarmonizza t-trasferimenti intra-UE ta' prodotti tad-difiża, tiżgura s-simplifikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta' tali prodotti fl-Unjoni, b'mod partikolari biex telimina r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għal komponenti li diġà huma integrati jew li għandhom jiġu integrati fi prodott tad-difiża u li ma jistgħux jiġu trasferiti jew esportati bħala tali; ikompli jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn dak l-istess għan; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jaqblu dwar regoli komuni ġodda għall-kontroll tal-esportazzjoni għall-armi u għall-oġġetti tad-difiża;

ċertifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti b'mod urġenti biex tkompli tarmonizza t-trasferimenti intra-UE ta' prodotti tad-difiża, tiżgura s-simplifikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta' tali prodotti fl-Unjoni, b'mod partikolari biex telimina r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għal komponenti li diġà huma integrati jew li għandhom jiġu integrati fi prodott tad-difiża u li ma jistgħux jiġu trasferiti jew esportati bħala tali; ikompli jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn dak l-istess għan; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jaqblu dwar regoli komuni ġodda għall-kontroll tal-esportazzjoni għall-armi u għall-oġġetti tad-difiża; ***jissottolinja li, sabiex tiġi appoġġjata l-armonizzazzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjoni u tiġi inkoraġġita l-parteċipazzjoni tal-SMEs madwar l-Unjoni, meta jinħarġu liċenzji tal-esportazzjoni għandu jiġi promoss l-użu ta' regola de minimis;***

Or. en

Emenda 225
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u aboliti l-ostakli relatati mat-trasferimenti intra-UE, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-kriterji u taċ-ċertifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti b'mod urġenti biex tkompli tarmonizza t-trasferimenti intra-UE ta' prodotti tad-difiża, tiżgura s-simplifikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta' tali prodotti fl-Unjoni, b'mod partikolari biex	14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u aboliti l-ostakli relatati mat-trasferimenti intra-UE, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-kriterji u taċ-ċertifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti b'mod urġenti biex tkompli tarmonizza t-trasferimenti intra-UE ta' prodotti tad-difiża, tiżgura s-simplifikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta' tali prodotti fl-Unjoni, b'mod partikolari biex

telimina r-rekwiżiti ta’ awtorizzazzjoni għal komponenti li diġà huma integrati jew li għandhom jiġu integrati fi prodott tad-difiża u li ma jistgħux jiġu trasferiti jew esportati bħala tali; ikompli jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn dak l-istess għan; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jaqblu dwar regoli komuni ġodda għall-kontroll tal-esportazzjoni għall-armi u għall-oġġetti tad-difiża;	telimina r-rekwiżiti ta’ awtorizzazzjoni għal komponenti li diġà huma integrati jew li għandhom jiġu integrati fi prodott tad-difiża u li ma jistgħux jiġu trasferiti jew esportati bħala tali; ikompli jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn dak l-istess għan; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jaqblu dwar regoli komuni ġodda għall-kontroll tal-esportazzjoni għall-armi u għall-oġġetti tad-difiża; ***jinnota li l-proċeduri ta’ ċertifikazzjoni skont id-Direttiva 2009/43/KE għadhom ta’ piż u għaljin; jitlob regoli ta’ ċertifikazzjoni simplifikati, standardizzati u bbażati fuq ir-rikonoxximent reċiproku;***

Or. en

Emenda 226
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u aboliti l-ostakli relatati mat-trasferimenti intra-UE, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-kriterji u taċ-ċertifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti b’mod urġenti biex tkompli tarmonizza t-trasferimenti intra-UE ta’ prodotti tad-difiża, tiżgura s-simplifikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta’ tali prodotti fl-Unjoni, b’mod partikolari biex telimina r-rekwiżiti ta’ awtorizzazzjoni għal komponenti li diġà huma integrati jew li għandhom jiġu integrati fi prodott tad-difiża u li ma jistgħux jiġu trasferiti jew esportati bħala tali; ikompli jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn dak l-istess għan; ***jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jaqblu dwar regoli komuni ġodda għall-kontroll tal-esportazzjoni għall-armi***	14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u aboliti l-ostakli relatati mat-trasferimenti intra-UE, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-kriterji u taċ-ċertifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel***; jistieden lill-Kummissjoni biex, ladarba jiġu adottati, iddaħħal fis-seħħ malajr il-miżuri proposti fl-Omnibus dwar id-difiża tal-UE, fir-rigward tat-trasferimenti intra-EU tal-prodotti tad-difiża u s-simplifikazzjoni tal-għoti tal-permessi kif ukoll is-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE***; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti b’mod urġenti biex tkompli tarmonizza t-trasferimenti intra-UE ta’ prodotti tad-difiża, tiżgura s-simplifikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta’ tali prodotti fl-Unjoni, b’mod partikolari biex telimina r-rekwiżiti ta’ awtorizzazzjoni għal komponenti li diġà huma integrati jew

u għall-oġġetti tad-difiża;	li għandhom jiġu integrati fi prodott tad-difiża u li ma jistgħux jiġu trasferiti jew esportati bħala tali; ikompli jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn dak l-istess għan;

Or. en

Emenda 227
Angelika Niebler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u aboliti l-ostakli relatati mat-trasferimenti intra-UE, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-kriterji u taċ-ċertifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti b'mod urġenti biex tkompli tarmonizza t-trasferimenti intra-UE ta' prodotti tad-difiża, tiżgura s-simplifikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta' tali prodotti fl-Unjoni, b'mod partikolari biex telimina r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għal komponenti li diġà huma integrati jew li għandhom jiġu integrati fi prodott tad-difiża u li ma jistgħux jiġu trasferiti jew esportati bħala tali; ikompli jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn dak l-istess għan; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jaqblu dwar regoli komuni ġodda għall-kontroll tal-esportazzjoni għall-armi u għall-oġġetti tad-difiża;	14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u aboliti l-ostakli relatati mat-trasferimenti intra-UE, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-kriterji u taċ-ċertifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel***; jirrikonoxxi l-Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża bħala għodda pertinenti u jenfasizza l-approċċ tiegħu għal aktar simplifikazzjoni***; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti b'mod urġenti biex tkompli tarmonizza t-trasferimenti intra-UE ta' prodotti tad-difiża, tiżgura s-simplifikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta' tali prodotti fl-Unjoni, b'mod partikolari biex telimina r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għal komponenti li diġà huma integrati jew li għandhom jiġu integrati fi prodott tad-difiża u li ma jistgħux jiġu trasferiti jew esportati bħala tali; ikompli jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn dak l-istess għan; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jaqblu dwar regoli komuni ġodda għall-kontroll tal-esportazzjoni għall-armi u għall-oġġetti tad-difiża;

Or. en

Emenda 228
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u aboliti l-ostakli relatati mat-trasferimenti intra-UE, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-kriterji u taċ-ċertifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti b'mod urġenti biex tkompli tarmonizza t-trasferimenti intra-UE ta' prodotti tad-difiża, tiżgura s-simplifikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta' tali prodotti fl-Unjoni, b'mod partikolari biex telimina r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għal komponenti li diġà huma integrati jew li għandhom jiġu integrati fi prodott tad-difiża u li ma jistgħux jiġu trasferiti jew esportati bħala tali; ikompli jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn dak l-istess għan; ***jistieden*** lill-Istati Membri ***tal-UE biex jaqblu dwar*** regoli komuni ***ġodda*** għall-kontroll tal-esportazzjoni għall-armi u għall-oġġetti tad-difiża;	14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u aboliti l-ostakli relatati mat-trasferimenti intra-UE, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-kriterji u taċ-ċertifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti b'mod urġenti biex tkompli tarmonizza t-trasferimenti intra-UE ta' prodotti tad-difiża, tiżgura s-simplifikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta' tali prodotti fl-Unjoni, b'mod partikolari biex telimina r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għal komponenti li diġà huma integrati jew li għandhom jiġu integrati fi prodott tad-difiża u li ma jistgħux jiġu trasferiti jew esportati bħala tali; ikompli jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn dak l-istess għan; ***iħeġġeġ*** lill-Istati Membri ***jiżviluppaw, jekk jixtiequ,*** regoli komuni għall-kontroll tal-esportazzjoni għall-armi u għall-oġġetti tad-difiża***, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Stat Membru li jiġġestixxi l-esportazzjonijiet tiegħu b'mod liberu***;

Or. fr

Emenda 229
Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u aboliti l-ostakli relatati mat-trasferimenti intra-UE, inkluż ir-	14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u aboliti l-ostakli relatati mat-trasferimenti intra-UE, inkluż ir-

rikonoxximent reċiproku tal-kriterji u taċ-ċertifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti b'mod urġenti biex tkompli tarmonizza t-trasferimenti intra-UE ta' prodotti tad-difiża, tiżgura s-simplifikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta' tali prodotti fl-Unjoni, b'mod partikolari biex telimina r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għal komponenti li diġà huma integrati jew li għandhom jiġu integrati fi prodott tad-difiża u li ma jistgħux jiġu trasferiti jew esportati bħala tali; ikompli jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn dak l-istess għan; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jaqblu dwar regoli komuni ***ġodda*** għall-kontroll tal-esportazzjoni għall-armi u għall-oġġetti tad-difiża;	rikonoxximent reċiproku tal-kriterji u taċ-ċertifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti b'mod urġenti biex tkompli tarmonizza t-trasferimenti intra-UE ta' prodotti tad-difiża, tiżgura s-simplifikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta' tali prodotti fl-Unjoni, b'mod partikolari biex telimina r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għal komponenti li diġà huma integrati jew li għandhom jiġu integrati fi prodott tad-difiża u li ma jistgħux jiġu trasferiti jew esportati bħala tali; ikompli jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn dak l-istess għan; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jaqblu dwar regoli komuni għall-kontroll tal-esportazzjoni għall-armi u għall-oġġetti tad-difiża ***li jirriżultaw minn proġetti konġunti***;

Or. en

Emenda 230
Adam Bielan, Reinis Pozņaks, Michał Dworczyk

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u aboliti l-ostakli relatati mat-trasferimenti intra-UE, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-kriterji u taċ-ċertifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel; ***jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti b'mod urġenti biex tkompli tarmonizza*** t-trasferimenti intra-UE ta' prodotti tad-difiża, ***tiżgura*** s-simplifikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta' tali prodotti fl-Unjoni, b'mod partikolari biex ***telimina*** r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għal komponenti li diġà huma integrati jew li għandhom jiġu integrati fi prodott tad-difiża u li ma jistgħux jiġu trasferiti jew	14. ***Jilqa' r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2025/0177 u*** jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u aboliti l-ostakli relatati mat-trasferimenti intra-UE, inkluż ir-rikonoxximent reċiproku tal-kriterji u taċ-ċertifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel; ***jemmen li l-proċess leġiżlattiv kontinwu huwa opportunità biex jiġu ffaċilitati*** t-trasferimenti intra-UE ta' prodotti tad-difiża, ***tiġi żgurata*** s-simplifikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta' tali prodotti fl-Unjoni, b'mod partikolari biex ***jiġu elimitati*** r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għal komponenti li diġà huma integrati jew li

esportati bħala tali; ikompli jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn dak l-istess għan; ***jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jaqblu dwar regoli komuni ġodda għall-kontroll tal-esportazzjoni għall-armi u għall-oġġetti tad-difiża;***

għandhom jiġu integrati fi prodott tad-difiża u li ma jistgħux jiġu trasferiti jew esportati bħala tali; ikompli jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn dak l-istess għan;

Or. en

Emenda 231
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu ***ssimplifikati u*** aboliti l-ostakli relatati mat-trasferimenti intra-UE, ***inkluż*** ir-rikonoxximent reċiproku tal-kriterji u taċ-ċertifikazzjoni u ***s-simplifikazzjoni tat-talbiet*** għal awtorizzazzjoni minn qabel; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti b'mod urġenti biex tkompli tarmonizza t-trasferimenti intra-UE ta' prodotti tad-difiża, tiżgura s-simplifikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta' tali prodotti fl-Unjoni, b'mod partikolari biex telimina r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għal komponenti li diġà huma integrati jew li għandhom jiġu integrati fi prodott tad-difiża u li ma jistgħux jiġu trasferiti jew esportati bħala tali; ikompli jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn dak l-istess għan; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jaqblu dwar regoli komuni ġodda għall-kontroll tal-esportazzjoni għall-armi u għall-oġġetti tad-difiża;	14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu aboliti ***immedjatament*** l-ostakli ***kollha*** relatati mat-trasferimenti intra-UE, ***jimplimentaw*** ir-rikonoxximent reċiproku tal-kriterji u taċ-ċertifikazzjoni ***sa Ġunju 2026*** u ***jissimplifikaw it-talbiet*** għal awtorizzazzjoni minn qabel; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti b'mod urġenti biex tkompli tarmonizza t-trasferimenti intra-UE ta' prodotti tad-difiża ***sal-2030***, tiżgura s-simplifikazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ta' tali prodotti fl-Unjoni, b'mod partikolari biex telimina r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għal komponenti li diġà huma integrati jew li għandhom jiġu integrati fi prodott tad-difiża u li ma jistgħux jiġu trasferiti jew esportati bħala tali; ikompli jistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn dak l-istess għan; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jaqblu dwar regoli komuni ġodda għall-kontroll tal-esportazzjoni għall-armi u għall-oġġetti tad-difiża;

Or. en

Emenda 232
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jissottolinja li l-iżvilupp ta' Suq Uniku għad-Difiża għandu jinkludi wkoll prodotti u teknoloġiji kritiċi oħra, kemm dawk ċivili, kif ukoll dawk b'użu doppju jew militari, li jikkontribwixxu għas-sikurezza u r-reżiljenza tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha; jisħaq li ħafna kapaċitajiet industrijali ċivili, bħal dawk fis-sigurtà ċibernetika, fl-ispazju, fl-enerġija, fit-trasport, fis-saħħa u fil-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, huma essenzjali għall-iżgurar tas-sigurtà u tal-preparatezza; jitlob għalhekk qafas ta' politika koerenti li jintegra dawn is-setturi fl-ekosistema tas-sigurtà u tad-difiża usa' tal-Ewropa, filwaqt li tiġi evitata l-kompartimentalizzazzjoni mhux meħtieġa bejn is-swieq ċivili u militari;

Or. en

Emenda 233
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jiddeplora l-użu limitat ta' liċenzji ġenerali ta' trasferiment skont id-Direttiva 2009/81/KE u r-rikors wiesa' għal liċenzji individwali wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, minkejja talbiet tal-Parlament biex din il-prattika titreġġa' lura;

Or. en

Emenda 234
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jemmen li meta l-komponenti jkunu diġà integrati f'sistema u ma jkunux jistgħu jintużaw b'mod indipendenti, għandhom jiġu aboliti r-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni tat-trasferiment;

Or. en

Emenda 235
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
